IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.11.2015
COM(2015) 700 final

# ABBOZZ TAR-RAPPORT KONĠUNT DWAR L-IMPJIEGI MILL-KUMMISSJONI U L-KUNSILL

**li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016**

MT MT

**ABBOZZ TAR-RAPPORT KONĠUNT DWAR L-IMPJIEGI**

**MILL-KUMMISSJONI U L-KUNSILL**

**li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni**

**fuq l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016**

L-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, kif mitlub mill-Artikolu 148 tat-TFUE, huwa parti mill-pakkett tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) li jniedi s-Semestru Ewropew. Bħala kontribut ewlieni għall-governanza ekonomika tal-UE, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jipprovdi ħarsa ġenerali annwali tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi ewlenin fl-Ewropa, kif ukoll tal-azzjonijiet ta' riforma tal-Istati Membri b'konformità mal-Linji Gwida għall-Politika tal-Istati Membri dwar l-Impjiegi u mal-prijoritajiet tas-SAT.

F'dan il-kuntest, l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2016 jindika dan li ġej:

***Il-qagħda soċjali u tal-impjiegi bil-mod il-mod qed titjieb waqt li sinjali ta' diverġenza bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom għadhom persistenti.*** *F'konformità mal-irkupru ekonomiku gradwali, ir-rati tal-impjiegi qed jiżdiedu mill-ġdid, u r-rati tal-qgħad qed jonqsu kważi fl-Istati Membri kollha. Fl-2014, ir-rata annwali tal-qgħad għall-UE-28 kienet għadha 'l fuq minn 10 %, u ogħla fiż-żona tal-euro, iżda kompliet tonqos matul l- 2015. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul ukoll naqsu mill-2013, għalkemm baqgħu f'livelli globalment għoljin. Minkejja l-konverġenza fqira fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li ġiet osservata fl-2014, għadhom jippersistu differenzi kbar bejn l-Istati Membri. L-introjtu tal-unitajiet domestiċi fl-UE għola xi ftit fl-2014 u fil-bidu tal-2015, bis-saħħa ta' attività ekonomika iktar qawwija u tat-titjib fil-qagħda tas-suq tax-xogħol. Globalment, l-għadd u l-proporzjon tal-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali stabbilizzaw ruħhom kemm fl-2013 kif ukoll fl-2014. Imma l-iżviluppi soċjali xorta għadhom jindikaw aktar diverġenza fl-UE, kif turi t-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi prinċipali dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali fir-rigward ta' żviluppi fir-riskju ta' faqar u fl-inugwaljanzi. Fuq il-bażi ta' prattiki tajbin, jistgħu jiġu ddefiniti għadd ta' punti ta' riferiment komuni, b'appoġġ għall-proċessi ta' konverġenza, filwaqt li tiġi rikonoxxuta d-diversità tal-punti ta' tluq u tal-prattiki fl-Istati Membri.*

***Għandhom jissoktaw ir-riformi li jappoġġjaw swieq tax-xogħol dinamiċi u inklużivi li jiffunzjonaw tajjeb.*** *Diversi Stati Membri wettqu riformi li ħallew effetti pożittivi viżibbli,*

*pereżempju f'rati tal-impjiegi li qed jiżdiedu. Madankollu, huma meħtieġa iktar sforzi sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u jinħoloq ambjent pożittiv għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità. Meta jitqies li t-tkabbir riċenti fl-impjiegi huwa dovut l-iktar għal żieda fil-kuntratti b'terminu fiss, l-Istati Membri għandhom ukoll ikomplu, u f'xi każijiet iħaffu, il-miżuri li jindirizzaw l-isfida tas-segmentazzjoni tas-swieq tax-xogħol, sabiex jiżguraw bilanċ xieraq bejn il-flessibilità u s-sigurtà.*

***Is-sistemi tat-taxxa għandhom jappoġġjaw aħjar il-ħolqien tal-impjiegi.*** *Ingħata bidu għal riformi tas-sistemi tat-taxxa sabiex jitnaqqsu d-diżinċentivi li wieħed jaċċetta impjieg u - fl-istess ħin - biex tonqos it-tassazzjoni tax-xogħol sabiex il-kumpaniji jiġu appoġġjati jingaġġaw (mill-ġdid), riformi li ta' spiss huma mmirati lejn gruppi bħaż-żgħażagħ u l-persuni qiegħda fit-tul. Minkejja dan, fis-snin riċenti l-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol globali żdied f'għadd konsiderevoli ta' Stati Membri, notevolment għal dawk li jaqilgħu paga baxxa jew medja. Din hi xejra inkwetanti fid-dawl tar-rati tal-qgħad li għadhom għoljin f'ħafna Stati Membri, meta jitqies li livelli għoljin ta' porzjon ta' taxxa jistgħu jirristrinġu kemm id-domanda għall-ħaddiema kif ukoll il-provvista tagħhom.*

***L-iffissar tal-pagi b'mod ġenerali kien qiegħed juri moderazzjoni kontinwa fil-pagi.*** *Ir-riformi saħħew mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi li jippromwovu l-allinjament tal-iżviluppi fil-pagi mal-produttività u li jappoġġjaw l-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi, b'attenzjoni speċjali fuq il-pagi minimi. Globalment, l-iżviluppi riċenti fil-pagi jidhru li huma pjuttost ibbilanċjati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u kkontribwew għal ibbilanċjar mill-ġdid fi ħdan iż-żona tal-ewro. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-pagi reali ġeneralment jimxu skont il-produttività, għajr għal xi ftit eċċezzjonijiet. Dan huwa żvilupp pożittiv għall-ekwilibriju intern u estern tal-pajjiżi anke jekk huma meħtieġa xi aġġustamenti ulterjuri.*

***L-investiment fil-kapital uman permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ kien iffokat b'mod predominanti fuq iż-żgħażagħ*** *iżda xi Stati Membri impenjaw ruħhom bil-qawwa wkoll sabiex jirriformaw is-sistemi tal-edukazzjoni tagħhom jew sabiex jestendu l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali għall-adulti. Madankollu, in-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni naqset f'madwar nofs l-Istati Membri u r-rata niżlet b'3.2% għall-UE globalment meta mqabbla ma' dik tal-2010. Il-modernizzazzjoni, l-allinjament aħjar tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-investiment sostnut fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż fil-ħiliet*

*diġitali, huma essenzjali għall-impjieġi, għat-tkabbir ekonomiku u għall-kompetittività tal-UE fil-ġejjieni.*

***L-Istati Membri komplew bl-isforzi tagħhom biex jappoġġjaw l-impjiegi għaż-żgħażagħ u biex jindirizzaw livelli għoljin ta' NEETs (dawk li jinsabu barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ).*** *Il-garanzija għaż-żgħażagħ saret l-ixprun għat-titjib fit-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol u biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ, u l-ewwel riżultati issa saru viżibbli bis-sehem li qed jonqos taż-żgħażagħ li mhumiex f'impjieg, f'edukazzjoni jew fit-taħriġ. Madankollu, l-implimentazzjoni kontinwa, sostnuta wkoll b'sorsi ta' finanzjament nazzjonali u b'fokus fuq riformi strutturali, se tkun essenzjali għal kisbiet sostenibbli. Ir-rata tal-qgħad fl-UE fost iż-żgħażagħ bdiet tonqos, imma mhux fl-Istati Membri kollha, u d-differenzi bejn il-pajjiżi għadhom konsiderevoli.*

***L-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol għandha tibqa' prijorità.*** *Il-qgħad fit-tul issa jammonta għal 50% tal-qgħad, u joffri sfida importanti għall-politiki soċjali u tal-impjiegi. Il-probabilità tat-tranżizzjoni mill-qgħad għall-inattività tiżdied iktar ma wieħed idum qiegħed. Din jista' jkollha konsegwenzi negattivi importanti fuq it-tkabbir ekonomiku, anke fid-dawl taż-żidiet meħtieġa fil-produttività u tat-tibdil demografiku. F'ħafna Stati Membri, it-tranżizzjonijiet minn qgħad fit-tul għall-impjieg għandhom jingħataw appoġġ aħjar permezz ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol. Teħtieġ azzjoni immedjata kemm fuq in-naħa tad-domanda kif ukoll fuq in-naħa tal-provvista qabel ma dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil jaqtgħu qalbhom u jaqgħu fl-inattività.*

***Ir-riforma kontinwa fid-djalogu soċjali hija marbuta l-aktar mar-riforma fin-negozjar kollettiv u wkoll mar-rappreżentanza tal-ħaddiema.*** *In-negozjar kollettiv qiegħed isir iktar deċentralizzat mil-livell (trans)industrijali għal-livell tal-kumpanija. F'dawk l-Istati Membri fejn jeżistu ftehimiet kollettivi (trans)industrijali, kiber il-kamp ta' applikazzjoni għal ftehimiet fil-livell tal-kumpanija li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għalhekk, f'kuntesti bħal dawn ta' negozjar kollettiv deċentralizzat, l-istrutturi għar-rappreżentanza tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni tan-negozjar f'livelli orizzontali jew f'livelli ogħla, huma kruċjali sabiex jiżdiedu l-produttività u l-impjiegi kif ukoll pagi ġusti għall-ħaddiema. L-involviment tal-imsieħba soċjali fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tagħha jeħtieġ li jittejjeb.*

***Minkejja l-fatt li n-nisa qed ikunu dejjem aktar kwalifikati, tant li saħansitra jgħaddu lill-irġiel f'dawk li huma kisbiet edukattivi, xorta għadhom mhumiex irrappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol.*** *Id-diskrepanza bejn is-sessi fil-qasam tal-impjiegi għadha wiesgħa speċjalment għall-ġenituri u għall-persuni li għandhom responsabbiltajiet ta' kura, u tissuġġerixxi l-ħtieġa għal aktar azzjoni, eż. fil-qasam tal-indukrar tat-tfal, waqt li d-diskrepanza sostanzjali fil-pensjonijiet bejn is-sessi fl-UE hija ta' 40%, li tirrifletti l-pagi aktar baxxi u l-karrieri iqsar tan-nisa. Hija twassal għall-ħtieġa ta' aktar azzjoni favur l-integrazzjoni komprensiva tal-approċċ tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fit-tfassil tal-politika, li jinkludi faċilitajiet tal-kura, arranġamenti tal-liv u għall-ħinijiet tax-xogħol flessibbli, kif ukoll sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji mingħajr diżinċentivi għal min jaqla' t-tieni paga biex ikun jista' jaħdem jew biex jaħdem iżjed.*

***L-Istati Membri komplew jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u sabiex jevitaw u jipproteġu kontra r-riskji tul il-ħajja kollha.*** *Is-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom jipproteġu aħjar kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar u għandhom isiru strumenti komprensivi għas-servizz tal-iżvilupp tal-individwu, tat-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u tul il-ħajja u tal-koeżjoni soċjali. Pensjonijiet adegwati jiddipendu fuq kemm in-nisa u l-irġiel ikunu kapaċi jkollhom karrieri itwal u iktar sodisfaċenti bis-saħħa ta' politiki dwar it-tixjiħ attivi li jkopru s-saħħa u t-taħriġ suffiċjentement. L-investiment fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, inkluż permezz tal-provvediment tal-indukrar tat-tfal, huwa essenzjali biex jiġu żgurati eżiti ta' impjieg inklużiv, kif ukoll finanzi pubbliċi sostenibbli. Is-sistemi tas-saħħa jikkontribwixxu għall-benesseri individwali u kollettiv u għall-prosperità ekonomika. Riformi sodi jiżguraw bażi finanzjarja sostenibbli u jinkoraġġixxu l-forniment u l-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa primarja.*

***Matul l-2015, l-Istati Membri kellhom iħabbtu wiċċhom mal-ħtieġa li jirreaġixxu għal żieda fl-influss ta' rifuġjati, b'xi Stati Membri li kienu milquta b'mod partikolari. L-Istati Membri ħadu deċiżjonijiet dwar pakketti ta' integrazzjoni kif ukoll dwar miżuri ta' dissważjoni.*** *Jekk l-impatt fuq terminu ta' żmien qasir permezz tal-infiq pubbliku ogħla huwa relattivament żgħir, għalkemm aktar qawwi għal xi Stati Membri, fiż-żmien medju sa twil, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol hija l-aktar ħaġa li tgħodd. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jfittxu l-ażil ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol mhux iktar tard minn 9 xhur mid-data minn meta japplikaw għal protezzjoni internazzjonali.*

# 1. IX-XEJRIET TAS-SUQ TAX-XOGĦOL U DAWK SOĊJALI U L-ISFIDI FL-UNJONI EWROPEA

Din it-taqsima tippreżenta ħarsa ġenerali tax-xejriet tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali u tal-isfidi fl-Unjoni Ewropea. Tibda bis-sejbiet ġenerali miksuba mit-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali. Dan li ġej huwa rendikont analitiku aktar dettaljat tal-qasam tal-impjiegi u dak soċjali.

## *1.1 Sejbiet ġenerali mit-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali*

F'din it-tielet edizzjoni tagħha, it-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali issa tikkostitwixxi parti integrali mir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. Kif jikkonfermaw il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi l-aktar riċenti[1], it-tabella ta' valutazzjoni hija għodda partikolarment utli li tikkontribwixxi għall-individwazzjoni f'waqtha ta' problemi u diverġenzi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali u sabiex jiġu identifikati oqsma fejn rispons ta' linja politika huwa l-aktar meħtieġ. Dan isir permezz tal-monitoraġġ u tal-interpretazzjoni bir-reqqa kemm tal-livelli kif ukoll tal-varjazzjonijiet għal kull indikatur. Il-Kummissjoni rrikorriet għar-riżultati tat-tabella ta' valutazzjoni hija u tħejji l-abbozz tar-Rapporti tal-Pajjiżi u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2015 bil-għan li tirfed aħjar l-isfidi u l-pariri ta' politika.

L-analiżi tas-sejbiet mit-tabella ta' valutazzjoni twassal għal għarfien aħjar tal-iżviluppi fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali. Dan imbagħad jikkontribwixxi għal attenzjoni ikbar fuq il-prestazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali fis-Semestru Ewropew kif promoss mir-Rapport tal-Ħames Presidenti "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa"[2] u deskritt f'Komunikazzjoni riċenti dwar Passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja[3]. Modifiki introdotti fil-qari tat-tabella ta' valutazzjoni jgħinu sabiex jiġu identifikati aħjar ix-xejriet ta' diverġenza fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali. It-tabella ta' valutazzjoni għandha tinqara flimkien mas-sejbiet ta' strumenti oħrajn bħalma huma l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI), il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, Brussell, il-21 ta' Settembru 2015,11360/15
[2] Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/priorities/economic-monetary-union/docs/5-presidents-report_mt.pdf
[3] COM(2015)600 final, tal-21.10.2015.

Protezzjoni Soċjali (MPPS) u t-tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (PŻM) bl-indikaturi ewlenin tagħha dwar l-impjiegi miżjuda riċentament[4].

Huwa fuq tliet dimensjonijiet li wieħed jista' jindividwa żviluppi u livelli ewlenin fl-impjiegi u fil-qasam soċjali li huma potenzjalment ta' tħassib li jwasslu għal diverġenzi fl-UE u li jesiġu analiżi ulterjuri u possibbilment rispons ta' linja politika aktar qawwi (ara t-tabelli dettaljati fl-Anness):

- Għal kull Stat Membru, il-varjazzjoni fl-indikatur f'sena partikolari meta mqabbla ma' perjodi ta' żmien iktar bikrin (xejra storika);
- Għal kull Stat Membru, id-differenza mir-rati medji tal-UE u taż-żona tal-euro fl-istess sena (li jipprovdu stampa tad-disparitajiet attwali fl-impjiegi u fil-qasam soċjali);
- Il-varjazzjoni fl-indikatur bejn sentejn konsekuttivi f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-varjazzjoni fil-livelli tal-UE u taż-żona tal-euro (indikattiva tad-dinamika tal-konverġenza/diverġenza soċjoekonomika).

Ħarsa lejn l-iżviluppi storiċi u lejn id-distanzi mill-medja tal-UE abbażi tat-tabella ta' valutazzjoni[5] turi li l-Istati Membri ntlaqtu mill-kriżi b'modi differenti u li l-irkupru kien irregolari. F'madwar nofs l-Istati Membri tal-UE, hemm żviluppi f'minn tal-anqas żewġ indikaturi li jagħtu lok għal tħassib.

Sitt Stati Membri (il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, il-Portugall, Spanja u l-Italja) qed jiffaċċjaw għadd ta' sfidi sostanzjali fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali. Il-qagħda f'żewġ Stati Membri (Franza u l-Finlandja) tindika żviluppi problematiċi fir-rati tal-qgħad u tal-qagħad fost iż-żgħażagħ, akkumpanjati minn tnaqqis fl-introjtu disponibbli fil-Finlandja. Indikaturi li jenfasizzaw fenomeni relatati mal-esklużjoni soċjali huma mmarkati għal ħames pajjiżi (ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Litwanja, il-Latvja u l-Estonja). Fl-aħħar nett, żewġ Stati Membri (Malta, il-Lussemburgu) jirrappreżentaw taħlita ta' qagħda problematika f'indikatur minnhom u ta' prestazzjoni tajba imma li qed tiddeterjora f'indikatur ieħor.

Fid-dettall, il-Greċja qed tħabbat wiċċha ma' sitwazzjoni kritika fl-indikaturi kollha. Il-Kroazja turi żviluppi u livelli problematiċi fl-indikaturi tal-qgħad, tan-NEETs u tal-faqar.

[4] Ara r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2016

[5] Jekk jogħġbok, irreferi għat-taqsima ta' qabel għal ħarsa ġenerali fid-dettall għal kull indikatur. [aġġornament għall-2015 meta jkun disponibbli]

F'Ċipru, ir-rati tal-qgħad ġenerali u fost iż-żgħażagħ kif ukoll l-indikatur tar-riskju ta' faqar juru xejriet inkwetanti waqt li r-rata tan-NEET s hi meqjusa dgħajfa imma qed titjieb. L-Italja turi xejriet inkwetanti ħafna f'indikaturi relatati mas-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol kif ukoll żviluppi pjuttost problematiċi fir-rata ġenerali tal-qgħad u fl-indikaturi soċjali. Fil-Portugall ir-rati tal-qgħad ġenerali u fost iż-żgħażagħ għadhom inkwetanti imma kienu qegħdin jitjiebu fil-perjodu riċenti. Dawn il-varjazzjonijiet pożittivi għadhom ma ġewx tradotti fil-qasam soċjali bl-indikaturi tal-AROP u tal-inugwaljanza għadhom juru livelli għoljin. Fi Spanja, l-iżviluppi rigward ir-rati tal-qgħad u tan-NEET qegħdin jitjiebu (minn livelli problematiċi) filwaqt li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, tal-faqar u tal-inugwaljanza għadha diffiċli.

Il-Finlandja rreġistrat żviluppi negattivi fit-tliet indikaturi dwar l-impjiegi, minħabba żidiet għoljin ħafna rreġistrati matul l-aħħar perjodu, u qed tkompli tirrapporta qagħda li sejra għall-agħar fl-introjtu disponibbli gross għall-unitajiet domestiċi. Fi Franza, ir-rati tal-qgħad ġenerali u fost iż-żgħażagħ huma ogħla mill-medja tal-UE u għadhom qed jiżdiedu.

Waqt li s-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol f'diversi pajjiżi hija stabbli jew qed titjieb, sitwazzjoni iktar ta' tħassib tista' tiġi osservata fir-rigward tal-indikaturi soċjali. Ir-Rumanija qed taffaċċja sitwazzjonijiet kritiċi fir-rigward tar-rata tan-NEET s, l-AROP u l-inugwaljanzi. Il-Bulgarija esperjenzat it-tieni l-ogħla żieda fl-inugwaljanzi, minn livelli diġà għoljin, waqt li s-sitwazzjoni fir-rigward tan-NEETs għadha titqies dgħajfa (imma qed titjieb). Dawn iż-żewġ indikaturi soċjali għadhom jitqiesu problematiċi fil-Latvja, fil-Litwanja u fl-Estonja.

L-iżviluppi f'żewġ Stati Membri juru stampa mħallta b'xi indikaturi jiddeterjoraw minn livelli tajbin jew diġà problematiċi. Fil-Lussemburgu, ir-rata tan-NEETs żdiedet (minn livelli diġà tajbin) u l-indikatur dwar l-inugwaljanza juri problemi li jeħtieġu attenzjoni. Malta esperjenzat żidiet għoljin fir-rata tal-AROP (mil-livelli relattivament tajbin) u fir-rata tan-NEET s.

Barra minn hekk, l-Awstrija b'mod ġenerali turi sitwazzjoni tajba jew tajba ħafna fl-indikaturi kollha, minkejja li jista' jiġi osservat ftit deterjorament fir-rigward tar-rati totali tal-qgħad u tan-NEET.

## *1.2 Xejriet u sfidi fis-suq tax-xogħol*

**L-irkupru ekonomiku fl-UE beda matul l-2013, u ħafna mill-indikaturi tas-suq tax-xogħol bdew jitjiebu ftit wara.** Madankollu, il-gravità tal-kriżi u l-irkupru kajman, partikolarment fiż-żona tal-ewro, għadhom ma ppermettewx li jintlaħqu l-livelli ta’ PDG reali ta’ qabel il-kriżi. Ir-rati tal-impjiegi issa qegħdin jiżdiedu mill-ġdid (Figura 1). Fl-2014, ir-rata tal-impjiegi (età bejn 20 u 64 sena) żdiedet b’0.8 punti perċentwali (pps) meta mqabbla mas-sena preċedenti, għal 69.2% fl-UE-28 u b’0.4 pps għal 68.1% fiż-Zona Ewropea, ŻE-19[6]. Fl-istess ħin, ir-rata tal-attività (15-64 sena) telgħet b’0.3 u 0.1 pps, rispettivament, u laħqet livell ta’ 72.3% kemm fl-UE-28 kif ukoll fiż-ŻE-19. Iż-żieda kontinwa ta’ qgħad li kien beda fl-2008 reġgħet lura fl-2013, bir-rata tal-qgħad (15-74) tonqos minn 10.8 % sa 10.2 % fl-UE-28 u minn 12.0 % sa 11.6 % fiż-ŻE-19 bejn l-2013 u l-2014. Ix-xejra ta’ tnaqqis kienet ikkonfermata fl-ewwel nofs tal 2015, minħabba li r-rata tal-qgħad naqset rispettivament bi 0.7 pp fl-UE 28 u bi 0.5 pp fiż-żona tal-euro meta mqabbla mal-istess perjodu tal-2014.

**Figura 1: Ir-rati tal-impjiegi, tal-qgħad u tal-attività, l-UE-28, it-total u għan-nisa**




[6] OECD (2015) – In It Together: Why Less Inequality Benefits All




Sors: Eurostat, LFS

**Ix-xejriet fl-impjiegi u fil-qgħad jinħolqu skont iċ-ċaqliq fir-rati tas-sejbien tal-impjiegi u tas-separazzjoni mill-impjiegi.** Ir-rati tas-sejbien tal-impjiegi rkupraw mil-livelli baxxi osservati fil-bidu tal-2013, waqt li fl-istess ħin ir-rati tas-separazzjoni mill-impjiegi bdew jonqsu sa minn bikri fl-2012. It-tnaqqis osservat fil-qgħad matul l-2013 u l-2014 kien marbut l-aktar mat-tnaqqis fir-rati tas-separazzjoni mill-impjiegi, waqt li r-rati tas-sejbien tal-impjiegi, għalkemm qed jirkupraw, xorta jinsabu taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi u għadhom partikolarment baxxi għal persuni qiegħda għal żmien twil li jfittxu l-impjieg.

**Id-dinamika tat-tkabbir fl-impjiegi kienet differenti fost l-Istati Membri, is-setturi ekonomiċi u t-tipi ta' kuntratt.** Fl-2014, ir-rati tal-impjiegi (grupp ta' età 20-64) żdiedu fl-Istati Membri kollha meta mqabbla mal-2013, ħlief fil-Finlandja (-0.2 pps), fl-Awstrija (-0.4), u fin-Netherlands (-0.5). Madankollu, id-differenzi fil-livelli għadhom hemm, bir-rati tal-2014 ivarjaw minn 53.3% fil-Greċja għal ftit inqas minn 60% fil-Kroazja, fl-Italja u fi Spanja, għal iktar minn 75% fin-Netherlands (75.4%), fid-Danimarka (75.9%), fir-Renju Unit (76.2%), fil-Ġermanja (77.7%), u fl-Iżvezja (80.0%). Rigward l-iżviluppi settorjali, it-titjib fir-rati tal-impjiegi issa laħaq il-biċċa l-kbira tas-setturi, inklużi dawk l-aktar milquta mill-kriżi, bħalma huma l-agrikoltura, il-kostruzzjoni u l-industrija. F'ħarsa lejn it-tipi ta' kuntratti, kif kien mistenni, matul l-aħħar snin l-impjiegi kienu l-iktar volatili fejn jidħlu kuntratti temporanji, u mhux daqstant fil-każ ta' kuntratti permanenti jew għal dawk li jaħdmu għal rashom, li baqgħu ftit jew wisq stabbli mill-2011 'il hawn. Mill-2013 iż-żieda fl-impjiegi globalment kienet immexxija minn żieda fil-kuntratti temporanji. Kif turi l-Figura 2, l-użu ta' kuntratti temporanji jvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri, bl-ishma għall-2014 ivajraw minn taħt il-5%

fir-Rumanija u fil-pajjiżi Baltiċi għal iktar minn 20% fin-Netherlands, fil-Portugall, fi Spanja u fil-Polonja. Ir-rati ta' tranżizzjoni minn kuntratti temporanji għal dawk permanenti wkoll ivarjaw minn pajjiż għal ieħor, u jidher li r-rati ta' tranżizzjoni huma l-ogħla (l-iktar baxxi) f'dawk il-pajjiżi fejn is-sehem ta' kuntratti temporanji huwa l-iktar baxx (l-ogħla). Il-perċentwal ta' kuntratti temporanji kif ukoll tat-tranżizzjonijiet minn kuntratti temporanji għal dawk permanenti jindikaw kemm huma flessibbli s-swieq tax-xogħol. Possibbilment jirriflettu wkoll differenzi fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi fost il-pajjiżi u sa liema punt is-swieq tax-xogħol nazzjonali huma kkaratterizzati minn effetti ta' "insider-outsider". Dan huwa ta' tħassib partikolari f'pajjiżi li jużaw kuntratti temporanji fuq skala kbira, fejn il-kuntratti temporanji ta' spiss ma jistgħux itejbu l-opportunitajiet biex jinstabu impjiegi full-time permanenti, kif muri fil-Figura 2.

Kuntratti ta' impjieg mhux standard huma aktar prevalenti fost in-nisa, iż-żgħażagħ u x-xogħol manwali mhux ta' rutina. Dawn jidhru li jkunu assoċjati ma' penalizzazzjoni fil-paga u huma kkonċentrati fost dawk li jaqilgħu paga baxxa[7]. Aspett ieħor tal-prekarjetà tal-impjiegi huwa l-perċentwal ta' xogħol part-time involontarju, li żdied minn 16.7 % għal 19.6 % tal-impjiegi totali kif ukoll il-firxa u d-diversifikazzjoni ta' forom ta' xogħol okkażjonali[8].

**Figura 2: Il-perċentwal ta' kuntratti temporanji u ta' tranżizzjonijiet minn temporanji għal permanenti**




Sors: Eurostat, LFS u SILC. Deskrizzjoni qasira: Id-dejta dwar tranżizzjonijiet għal BG, EL, PT, HR tirreferi għall-2012, ta' AT għall-2014. Id-dejta dwar tranżizzjonijiet għal IE u għal SE mhijiex disponibbli.

**L-evoluzzjoni tal-impjiegi tirrifletti x-xejriet tal-ħolqien (nett) ta' impjiegi, bl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) tradizzjonalment meqjusa bħala l-mutur tat-tkabbir fl-impjiegi.**

[7] OECD (2015) – In It Together: Why Less Inequality Benefits All
[8] Eurofound (2015) - *Developments in working life in Europe: EurWORK annual review 2014*

Bejn l-2002 u l-2010, 85% tal-impjiegi ġodda fl-UE nħolqu mill-SMEs. Bil-kontra ta' dan, bejn l-2010 u l-2013, l-impjiegi fl-SMEs fl-UE naqsu b'0.5%. Sal-lum u f'ħafna Stati Membri, id-disponibbiltà tal-kreditu fis-settur mhux finanzjarju għadha dgħajfa, kemm minħabba fatturi ta' provvista kif ukoll ta' domanda, inklużi l-istrutturar u d-diżingranaġġ tas-settur li seħħu wara l-kriżi finanzjarja. L-aċċess limitat għall-finanzi aktarx inaqqas ukoll l-għadd ta' negozji ġodda. Fl-2014, l-għadd ta' dawk li jaħdmu għal rashom żdied bejn wieħed u ieħor bl-istess pass tal-impjiegi, biex ir-rata tal-impjiegi ta' dawk li jaħdmu għal rashom fil-livell tal-UE baqgħet ta' 14.6%, inqas mir-rata ta' 15% osservata għall-2004-2006. Ir-rata tan-nisa li jaħdmu għal rashom baqgħet għal madwar 10%, waqt li r-rata tal-irġiel baqgħet bejn wieħed u ieħor ta' wieħed minn kull ħamsa. Il-livell u l-varjazzjonijiet fir-rati ta' dawk li jaħdmu għal rashom fl-Istati Membri huma inugwali ħafna u jirriflettu għadd ta' fatturi, bħalma huma l-kundizzjonijiet ta' qafas, l-intraprenditorija nazzjonali u l-opportunitajiet ta' impjiegi bi ħlas. Ir-rati fin-Netherlands, fis-Slovakkja, fis-Slovenja, fil-Greċja, fir-Renju Unit u fir-Repubblika Ċeka huma ogħla b'mod sinifikanti mil-livelli osservati għaxar snin ilu.

**Ir-rati ta' attività jvarjaw fost il-gruppi tal-popolazzjoni u fost l-Istati Membri.** Dawn jiċċaqalqu b'mod aktar stabbli mir-rati tal-impjiegi, u potenzjalment jindikaw biss effetti modesti ta' skoraġġiment. B'konsistenza ma' xejriet aktar fit-tul, dawn urew żieda konsistenti għal ċerti gruppi, partikolarment in-nisa u l-ħaddiema akbar fl-età, waqt li r-rati ta' attività naqsu għal dawk bi ftit kompetenzi professjonali u għaż-żgħażagħ maskili ta' bejn il-15 u l-24 sena. Minkejja li d-differenzi fir-rati ta' attività naqsu matul iż-żmien, kemm bejn l-irġiel u n-nisa kif ukoll bejn ħaddiema akbar fl-età u dawk fl-aħjar tagħhom, xorta għadhom imdaqqsin. Fl-2014, ir-rata ta' attività tan-nisa kienet ta' 66.5% fl-UE-28; minkejja li għadha 11.5 pps taħt dik tal-irġiel, id-differenza naqset minn 13.2 pps fl-2010. Id-differenzi bejn is-sessi fix-xogħol full-time/part-time iżidu mad-differenzi fir-rati ta' attività u jissarrfu f'differenzi bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa li matul il-ħajja tax-xogħol jakkumulaw f'diskrepanzi fil-pensjonijiet bejn is-sessi. Bejn l-2010 u l-2014, id-differenza fir-rati ta' attività bejn il-ħaddiema akbar fl-età (55-64) u l-ħaddiema fl-aħjar tagħhom (25-54) naqset minn 35.4 għal 29.6 pps. Bil-kontra ta' dan, id-differenzi bejn iċ-ċittadini u l-barranin u bejn persuni b'diżabilitajiet u dawk mingħajr diżabbiltà baqgħu ma naqsux. Fost il-pajjiżi, għad fadal varjazzjoni konsiderevoli fir-rati ta' attività globali (li jvarjaw minn 63.9% fl-Italja għal 81.5% fl-Iżvezja fl-2014) u għal gruppi speċifiċi, li jirriflettu differenzi fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, fl-istrutturi istituzzjonali, u fil-preferenzi individwali tal-ħaddiema.

**Il-qgħad u l-qgħad fost iż-żgħażagħ bdew jonqsu, imma mhux fl-Istati Membri kollha, u d-differenzi bejn il-pajjiżi għadhom konsiderevoli.** Abbażi tas-sejbiet mit-tabella ta' valutazzjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali, tista' tiġi osservata xi konverġenza fir-rati tal-qgħad fl-Ewropa, bi tnaqqis ogħla mill-medja f'għadd ta' Stati Membri li kienu rreġistraw livelli għoljin ħafna ta' qgħad (Spanja u l-Portugall huma l-iktar eżempji rilevanti, segwiti mill-Greċja). Madankollu, kif turi l-Figura 3, fl-ewwel nofs tal-2015 ir-rati tal-qgħad varjaw minn madwar 5% fil-Ġermanja għal iktar minn 20% fi Spanja u fil-Greċja. Ir-rata tal-qgħad tidher ukoll għolja ħafna fil-Kroazja u f'Ċipru, b'żieda kontinwa f'dan tal-aħħar.

Xejra ta' deterjorament, b'żidiet ogħla b'mod sinifikanti mill-medja, tista' tiġi osservata f'għadd ta' pajjiżi bi prestazzjoni relattivament aħjar f'termini ta' livelli tar-rati ta' qgħad. Dan huwa l-każ fil-Belġju, fi Franza, fil-Finlandja u fl-Awstrija (din tal-aħħar, però, xorta għadha tippreżenta rata ta' qgħad baxxa ħafna ta' 5.1%). Fost dawn il-pajjiżi, il-Finlandja turi l-ikbar żieda fl-UE28, b'0.8 pps. Waqt li l-qgħad fl-Italja qiegħed jonqos, il-pass tat-tnaqqis huwa kajman meta mqabbel mal-medja. Dawn l-iżviluppi għandhom jiġu analizzati bir-reqqa għax jistgħu jinbidlu f'xejriet fit-tul.

Minn perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi, it-tnaqqis fir-rata tal-qgħad globalment hija komparabbli għall-irġiel u n-nisa (b'0.8 u 0.7 pps rispettivament fl-UE28). Ir-rati ta' qgħad tan-nisa għadhom problematiċi fin-Nofsinhar tal-Ewropa (speċjalment fil-Greċja u fi Spanja) u f'xi pajjiżi Ewropej tal-Lvant (il-Kroazja u s-Slovakkja).

**Figura 3: Ir-rata tal-qgħad u l-varjazzjoni annwali, kif irrapportati fit-tabella ta' valutazzjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali**




Sors: Eurostat, LFS (kalkoli tad-DĠ EMPL). Perjodu: Il-livelli tal-ewwel semestru tal-2015 u l-varjazzjonijiet annwali mqabbla mal-ewwel semestru tal-2014. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE28. UE28 u ŻE19 jirreferu għall-medji ponderati rispettivi. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

Kif turi l-Figura 4, id-differenzi bejn il-pajjiżi huma saħansitra ikbar fir-rigward tar-rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ. F'żewġ pajjiżi (il-Greċja u Spanja) il-livelli ta' rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ għadhom ta' madwar 50%, fi tnejn (l-Italja u l-Kroazja) 'il fuq minn 40% u fi tnejn (Ċipru u l-Portugall) 'il fuq minn 30%; dawn il-pajjiżi juru wkoll l-ogħla valuri għan-nisa. Minkejja li l-inklinazzjoni negattiva tal-linja ta' rigressjoni tissuġġerixxi li l-Istati Membri bdew jikkonverġu, f'dawn il-pajjiżi se jkun meħtieġ tnaqqis iktar mgħaġġel sabiex il-qgħad fost iż-żgħażagħ jinġieb lura malajr għal livelli aċċettabbli. F'dan il-grupp, il-Portugall jidher li hu l-pajjiż li jikkonverġi l-iktar malajr. Grupp żgħir ta' pajjiżi (inklużi Franza u l-Finlandja) juru sinjali ta' deterjorament fil-qgħad fost iż-żgħażagħ minn punt tat-tluq relattivament tajjeb. Il-każ tal-Finlandja jistħoqqlu attenzjoni partikolari, fid-dawl taż-żieda ta' 2.5 pps matul il-perjodu li jirrifletti kundizzjonijiet ekonomiċi dgħajfin (l-ikbar żieda fl-UE28 għar-rata ta' qgħad globali).

**Figura 4: Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-varjazzjoni annwali, kif irrapportati fit-tabella ta' valutazzjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali**




Sors: Eurostat, LFS (kalkoli tad-DĠ EMPL). Perjodu: Il-livelli tal-ewwel semestru tal-2015 u l-varjazzjonijiet annwali mqabbla mal-ewwel semestru tal-2014. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE28. UE28 u ŻE19 jirreferu għall-medji ponderati rispettivi. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Ir-rata taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (ir-rata tan-NEET) qed tonqos ukoll (Figura 5).** Madankollu, rati għoljin ħafna tan-NEET għadhom jiġu rreġistrati minn għadd ta' pajjiżi (l-Irlanda, Ċipru, Spanja, ir-Rumanija, il-Greċja, il-Kroazja, il-Bulgarija u l-Italja, l-aħħar żewġ pajjiżi b'valuri ogħla minn 20%). Fost in-nisa, l-ogħla sehem tan-NEETs huwa osservat ukoll fil-Greċja, fl-Italja, fir-Rumanija u fil-Bulgarija. Waqt li Spanja, il-Bulgarija, il-Greċja u Ċipru jidhru li qegħdin jikkonverġu b'rata raġonevolment mgħaġġla, il-veloċità tal-aġġustament (jekk hemm) tidher li mhix biżżejjed fl-Italja, fil-Kroazja u fir-Rumanija. F'dan il-każ ukoll, ftit Stati Membri b'rati tan-NEET relattivament baxxi – jew qrib il-medja – juru varjazzjonijiet annwali ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE. Dan huwa l-każ tal-Lussemburgu, tal-Awstrija, tal-Finlandja u ta' Malta.

**Figura 5: Ir-rata tan-NEET u l-varjazzjoni annwali, kif irrapportati fit-tabella ta' valutazzjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali**




Sors: Eurostat, LFS (kalkoli tad-DĠ EMPL). Waqfien f'serje fi FR u ES. Perjodu: Il-livelli tal-2014 u l-varjazzjonijiet annwali fir-rigward tal-2013. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE28. UE28 u ŻE19 jirreferu għall-medji ponderati rispettivi. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Ir-rati tat-tluq mill-iskola qabel iż-żmien tjiebu għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi .** Fl-2014 it-tluq mill-iskola qabel iż-żmien naqas f'20 Stat Membru meta mqabbel mal-2013, waqt li ġiet osservata żieda relattivament qawwija fl-Estonja. Minkejja l-iżviluppi pożittivi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-livelli għadhom partikolarment għoljin f'diversi pajjiżi (Malta, l-Italja, il-Portugall u Spanja). Barra minn hekk, fil-medja, iż-żgħażagħ imwielda barra l-pajjiż għandhom rati 10 punti perċentwali ogħla minn dawk imwielda fil-pajjiż, u r-rati l-aktar għoljin ta' madwar 20 punt irreġistrati fil-Greċja u fl-Italja[9].

**Minkejja t-titjib globali fis-suq tax-xogħol, il-qgħad fit-tul għadu f'livelli għoljin ħafna f'diversi Stati Membri.** Wara l-kriżi, ir-rati ta' qgħad fit-tul żdiedu fl-Istati Membri kollha bejn l-2008 u l-2014, bl-eċċezzjoni notevoli tal-Ġermanja (Figura 6). Globalment, ir-rati

[9] Ara "Education and Training Monitor 2015" (http://ec.europa.eu/education/tools/et-monitor_en.htm)

għadhom relattivament għoljin, b'mod partikolari fil-Greċja, u fuq skala iżgħar fi Spanja, bir-rata osservata fl-2014 fiż-żewġ każijiet għadha qrib ħafna il-livell massimu tagħha. Il-qgħad fit-tul jaffettwa l-irġiel, iż-żgħażagħ u l-ħaddiema bi ftit kompetenzi professjonali relattivament iktar minn gruppi oħrajn fis-suq tax-xogħol, u jolqot b'mod speċjali lil dawk li kienu jaħdmu f'impjiegi u setturi li sejrin lura. Il-qagħda globali tal-ekonomija għadha fattur importanti fid-determinazzjoni tal-varjazzjonijiet fil-livelli u fil-flussi lejn u mill-qgħad fit-tul, iżda hemm ukoll effetti qawwija speċifiċi għall-pajjiż ħafna minnhom relatati ma' differenzi istituzzjonali.

**Figura 6: Ir-rati tal-qgħad fit-tul (2008, 2014 u l-livelli massimi)**




Sors: *Employment and Social Developments in Europe (ESDE) 2015*, Il-Kummissjoni Ewropea

**Hemm differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tad-dinamika tal-qgħad fit-tul.** Il-Figura 7 turi r-rati ta' tranżizzjoni ta' persuni qiegħda fit-tul bejn l-2013 u l-2014. Għal diversi Stati Membri r-rati ta' persistenza fil-qgħad fit-tul (il-persuni qiegħda fit-tul li għadhom qiegħda sena wara) huma konsiderevoli u jilħqu livelli 'l fuq minn 50% fil-Litwanja, fil-Bulgarija, fil-Greċja u fis-Slovakkja. Min-naħa l-oħra, it-tanżiżżjoni lejn l-impjieg isseħħ relattivament ta' spiss fid-Danimarka, fl-Iżvezja, fl-Estonja u fis-Slovenja. Flussi lejn l-inattività aktarx li jirriflettu effetti ta' ħaddiema skoraġġiti, u huma partikolarment kbar fl-Italja, u sa ċertu punt anqas fil-Finlandja, fl-Estonja u fil-Latvja.

**Figura 7: L-istatus fis-suq tax-xogħol fl-2014 ta' persuni qiegħda fit-tul fl-2013**




Sors: *Employment and Social Developments in Europe (ESDE) 2015*, Il-Kummissjoni Ewropea

**Minkejja s-sitwazzjoni xejn favorevoli għall-persuni qiegħda fit-tul, l-infiq globali fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol naqas f'numru sostanzjali ta' Stati Membri, ħaġa li tirrifletti l-baġits stretti tal-gvernijiet.** Bejn l-2007 u l-2012 l-infiq totali (bħala sehem mill-PDG fl-2007) naqas f'għaxar Stati Membri, waqt li n-nefqa għal kull persuna li qed tfittex impjieg naqset fi 13-il pajjiż (Figura 8). Dan żdied prinċipalment fl-Istati Membri fejn il-livelli kienu relattivament baxxi fl-2007. Għalkemm dejta iktar riċenti dwar l-infiq fost il-pajjiżi għadha mhix disponibbli, mhuwiex probabbli li l-infiq globali tjieb sostanzjalment meta jitqies li l-baġits tal-gvernijiet baqgħu stretti anke wara l-2012 f'ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, f'għadd konsiderevoli ta' pajjiżi, in-nefqa tal-politika attiva fis-suq tax-xogħol mhijiex immirata b'mod qawwi lejn persuni qiegħda fit-tul, b'rati taħt l-20% tal-immirar tan-nefqa f'madwar nofs l-Istati Membri. Il-kopertura tas-servizz pubbliku tal-impjiegi, il-kopertura tal-benefiċċju u l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ għall-persuni qiegħda fit-tul ukoll jidhru li naqsu matul iż-żmien f'diversi Stati Membri, possibbilment b'rabta ma' diffikultajiet sabiex jintlaħqu dawk li ilhom qiegħda għal ħafna żmien (sentejn u iktar)[10].

**Figura 8: It-tkabbir annwali reali tan-nefqa tal-politika attiva fis-suq tax-xogħol (ALMP), 2007-2012**

[10] "Supporting Skills Development and Matching in the EU", f: *Employment and Social Developments in Europe 2015*, Il-Kummissjoni Ewropea.




Sors: Eurostat, dejtabejż LMP. Kalkoli tad-DĠ EMPL tal-valur medju tal-UE28. Nota: L-Istati Membri huma rranġati fi gruppi ta' nfiq baxx/medju/għoli abbażi tal-infiq fl-2007 fuq ALMP (kat. 1-7, % tal-PDG). L-aggregat stmat tal-UE-28 bl-użu, minħabba dejta nieqsa, tal-valur tal-2010 għall-2011-13 għar-Renju Unit u għall-Greċja, u tal-valur tal-2012 ukoll għall-2013 għal Spanja, Franza, Ċipru, Malta u r-Rumanija, u bl-esklużjoni tal-Kroazja. Il-Kroazja u l-Portugall mhumiex inklużi minħabba nuqqas ta' dejta u minħabba waqfien f'serje. *Minħabba waqfien f'serje, għall-Greċja, għal Franza u għar-Renju Unit intużaw il-medji tal-2007-2010 minflok tal-2007-2012, għas-Slovakkja ntuża l-perjodu 2008-2012, u għal Ċipru intuża l-perjodu 2007-2011.

**L-attivazzjoni aktar baxxa tal-persuni qiegħda (fit-tul) tista' żżid mal-akkumulazzjonijiet diġà eżistenti ta' ħiliet.** Infiq inqas fuq l-attivazzjoni tal-persuni qiegħda (fit-tul) jista', b'mod partikulari jekk tkun tinvolvi t-taħriġ, iżommhom milli jakkwistaw il-ħiliet li jeħtieġu sabiex jerġgħu jibdew jaħdmu. Dan mhux biss iżid ir-rati ta' persistenza fil-qgħad, imma wkoll iżid mal-akkumulazzjonijiet diġà eżistenti ta' ħiliet. Kif turi l-Figura 9, f'diversi Stati Membri porzjon imdaqqas ta' impjegaturi jirrapportaw diffikultajiet biex isibu persunal bil-ħiliet meħtieġa. Hemm diffikultajiet relattivament kbar fil-pajjiżi Baltiċi (li jistgħu jkunu relatati ma' numri relattivament kbar ta' persuni li qed iħallu dawn il-pajjiżi għal Stati Membri oħra tal-UE) u wkoll f'pajjiżi b'qgħad baxx bħall-Awstrija, il-Belġju u l-Ġermanja. Kienu rrapportati inqas diffikultajiet għal Stati Membri bħal Spanja, il-Greċja, il-Kroazja u Ċipru, fejn in-nuqqas ta' provvista tax-xogħol mhuwiex fattur li jillimita l-ingaġġar. Kwalità aħjar u iktar investimenti fl-għoti ta' edukazzjoni tul il-ħajja jikkontribwixxu għal tnaqqis fl-akkumulazzjonijiet ta' ħiliet. Skont iċ-ċifri tal-Eurostat, bejn l-2009 u l-2014 l-edukazzjoni tul il-ħajja żdiedet fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri (mhux fil-Kroazja, f'Ċipru, fil-Greċja, fil-Polonja, fi Spanja u fis-Slovenja), imma għad hemm differenzi kbar, biċ-ċifri tal-2014 għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni tul il-ħajja li jvarjaw minn 1.5% fir-Rumanija u 1.8% fil-Bulgarija għal iktar minn 25% fil-Finlandja, fl-Iżvezja u fid-Danimarka.

**Figura 9: Id-diffikultajiet biex jinstab persunal bil-ħiliet meħtieġa f'azjendi Ewropej, 2013**




Sors: 3rd European Company Survey (2013), Eurofound (Nota għall-qarrej: Proporzjon tal-azjendi li wieġbu fl-affermattiv għall-mistoqsija "L-istabbiliment tiegħek iltaqa' ma' diffikultajiet biex isib persunal bil-ħiliet meħtieġa?")

Diffikultajiet biex jinstab persunal jista' jkollhom diversi kawżi, li waħda minnhom hija ħaddiema li m'għandhomx il-ħiliet xierqa. Analiżijiet riċenti dwar in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet jindikaw li nuqqasijiet ġenwini ta' ħiliet jikkostitwixxu inqas minn nofs id-diffikultajiet tar-reklutaġġ, waqt li inqas minn terz jista' jiġi attribwit għal pagi mhux attraenti. Ħinijiet tax-xogħol atipiċi u n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' taħriġ fl-impjieg, flimkien ma' pagi mhux attraenti, inaqqsu l-abilità tal-impjegaturi li jattiraw ħaddiema. Barra minn hekk, ir-riċerka turi li l-kumpaniji li mhumiex kapaċi jsibu ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa bosta drabi huma dawk li ma jkunux lesti joffru kuntratti fit-tul[11].

**Il-potenzjal tat-tkabbir tal-Ewropa huwa mhedded minn dgħufijiet strutturali fil-bażi ta' ħiliet tagħha.** Dejta riċenti mill-Istħarriġ tal-OECD-EC dwar il-Kompetenzi tal-Adulti (PIAAC) turi li madwar 20% tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol għandhom biss ħiliet bażiċi baxxi (litteriżmu u numeriżmu), u f'xi pajjiżi (Franza, Spanja u l-Italja) dan il-proporzjon huwa saħansitra akbar. Ftit pajjiżi biss (l-Estonja, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Netherlands u l-Iżvezja) għandhom proporzjon għoli ta' persuni b'ħiliet bażiċi tajbin ħafna u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej lanqas biss jersqu lejn il-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni barra l-Ewropa (bħall-Ġappun jew l-Awstralja). F'dak li jirrigwarda l-ħiliet diġitali, fl-2014, il-medja ta' 22%

[11] "Supporting Skills Development and Matching in the EU", fi: *Employment and Social Developments in Europe 2015*, il-Kummissjoni Ewropea.

tal-popolazzjoni tal-UE ma kellhiex ħiliet diġitali, u din tvarja minn 5% fil-Lussemburgu għal 45% fil-Bulgarija u 46% fir-Rumanija[12]. Meta jitqies li biex wieħed jiffunzjona b'mod effettiv fis-soċjetà diġitali huwa jeħtieġ iktar minn ħiliet bażiċi baxxi (eż. ikun kapaċi jibgħat posta elettronika), 40% tal-popolazzjoni tal-UE tista' tiġi kkunsidrata li m'għandhiex ħiliet diġitali suffiċjenti. Id-dejta dwar l-infiq tal-gvern tikkonferma r-riskju li qed jiżdied ta' lakuni fl-investiment fil-kapital uman, billi n-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni rreġistrat tnaqqis ta' 3.2% mill-2010 'l hawn, bi tnaqqis fi ħdax-il Stat Membru fl-iktar sena riċenti l-2013. L-Ewropa mhijiex tinvesti b'mod effettiv fl-edukazzjoni u l-ħiliet, u dan joħloq theddida għall-pożizzjoni kompetittiva tagħha fuq terminu ta' żmien medju u għall-impjegabilità tal-forza tax-xogħol tagħha.

**Il-mobilità tal-forza tax-xogħol hija mekkaniżmu ta' aġġustament potenzjalment importanti sabiex jitnaqqsu d-differenzi fil-qgħad bejn il-pajjiżi u sabiex jissolvew l-akkumulazzjonijiet ta' ħiliet.** Ir-rati ta' mobilità intra-UE murija fil-Figura 10 juru mudell relattivament ċar, ta' persuni ħerġin minn dawk il-pajjiżi li ntlaqtu l-agħar mill-kriżi lejn dawk il-pajjiżi li għelbu l-kriżi relattivament b'mod tajjeb. Dan żied mal-flussi fuq terminu ta' żmien aktar fit-tul mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant lejn il-pajjiżi aktar għanja fil-Majjistral tal-Ewropa. F'termini ta' numri assoluti, il-fluss nett 'il barra huwa l-ikbar fi Spanja u fil-Polonja, waqt li l-fluss 'il ġewwa huwa l-ikbar fil-Ġermanja u fir-Renju Unit. Globalment, il-mobilità bejn il-pajjiżi tal-UE għadha baxxa. Iċ-ċittadini mobbli bħala medja huma żgħażagħ bi kwalifiki għoljin li jikkontribwixxu sabiex jiġu indirizzati nuqqasijiet ta' ħiliet fil-pajjiżi li jilqgħuhom, imma li joħolqu wkoll xi sfidi għall-pajjiżi li jħallu warajhom anke jekk dawn jikkontribwixxu għar-rimessi[13]. It-trasparenza sħiħa u l-komparabilità tal-kwalifiki fl-UE jistgħu jtaffu l-mobilità tal-ħaddiema billi jgħinu lill-impjegaturi jifhmu u jafdaw il-kwalifiki li jkun kiseb individwu fi Stat Membru ieħor. Għal dan il-għan, l-Istati Membri qegħdin jirreferenzjaw il-kwalifiki nazzjonali tagħhom mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.

**Figura 10: Ir-rati netti tal-mobilità intra-UE u l-flussi netti, 2013**

[12] Skont l-indiċi kompost tal-ħiliet diġitali bbażat fuq il-Qafas dwar il-Kompetenza Diġitali, https://ec.europa.eu/jrc/sites/default/files/lb-na-26035-enn.pdf.
[13] *Employment and Social Developments in Europe 2015*, Il-Kummissjoni Ewropea.




Sors: *Labour Market and Wage Developments in Europe 2015*, il-Kummissjoni Ewropea. Nota: Il-Lussemburgu tħalla barra bħala anomalija mhux proporzjonata (outlier). Ir-rati netti tal-mobilità intra-UE jiġu kkalkolati bħala d-differenza bejn l-immigrazzjoni u l-emigrazzjoni lejn u minn pajjiżi tal-UE fuq il-popolazzjoni totali fil-bidu tas-sena għal kull 1,000 abitant.

**L-iżviluppi fil-pagi jidhru li huma konformi mal-produttività fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u kkontribwew għall-ibbilanċjar mill-ġdid fi ħdan iż-żona tal-ewro.** Sal-2008, l-iżviluppi fil-kost ta' unità lavorattiva kienu qegħdin jiżdiedu aktar bil-ħeffa f'pajjiżi taż-żona tal-ewro li qegħdin bid-defiċit milli f'pajjiżi li għandhom bilanċ favorevoli. Din ix-xejra mbagħad inqalbet, u kkontribwiet biex jinstab mill-ġdid l-ekwilibriju estern tal-Istati Membri milquta. Barra minn hekk, kif turi l-Figura 11, fis-snin riċenti il-pagi reali jidhru li mexjin ftit jew wisq f'konformità mal-produttività (bil-kuntrarju għal dak li kien osservat fis-snin ta' qabel f'diversi pajjiżi), b'devjazzjonijiet ċkejknin biss f'ħafna pajjiżi (minbarra Ċipru, il-Greċja, Spanja, l-Estonja, ir-Rumanija u l-Bulgarija). Globalment dan huwa żvilupp pożittiv għall-ekwilibriju intern u estern tal-pajjiżi.

**Figura 11: Il-kumpens reali u l-produttività, rati medji ta' tkabbir 2012-2014**




Sors: *Labour Market and Wage Developments in Europe 2015*, Il-Kummissjoni Ewropea

**Fis-snin riċenti l-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol żdied f'għadd konsiderevoli ta' Stati Membri, speċjalment għal dawk li jaqilgħu paga baxxa jew medja, u kompla żied il-livelli diġà għoljin f'diversi pajjiżi[14].** Il-livelli tal-porzjon ta' taxxa jvarjaw b'mod sostanzjali bejn l-Istati Membri, minn taħt it-30% f'Malta u fl-Irlanda għal iktar minn 45% fil-Belġju, fil-Ġermanja, fi Franza u fl-Ungerija fl-2014 (u fl-Awstrija u fl-Italja għal dawk biss li jaqilgħu paga medja). Il-Figura 12 turi l-varjazzjoni bejn l-2010 u l-2014 fil-porzjon ta' taxxa (persuna b'paga waħda, bla tfal) kemm fil-livell ta' 67% kif ukoll fil-livell ta' 100% tal-paga medja. Il-porzjon ta' taxxa naqas biss fi tmien pajjiżi fiż-żewġ livelli ta' introjtu, bl-ikbar tnaqqis fir-Renju Unit u fi Franza. Għall-kuntrarju ta' dan, jidhru żidiet relattivament qawwijin għal Malta (livell ta' 100%, imma minn livell baxx), u għal-Lussemburgu, għall-Portugall, għas-Slovakkja, għall-Ungerija u għall-Irlanda (kemm għal-livell ta' 67% kif ukoll ta' 100%, imma fl-Irlanda minn livell baxx). Dawn ix-xejriet huma kwistjoni ta' tħassib fid-dawl ta' rati ta' qgħad li għadhom għoljin f'ħafna Stati Membri. It-tnaqqis fil-porzjon ta' taxxa, jekk jiġi ffinanzjat b'mod xieraq, iżid id-domanda, it-tkabbir u l-appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi, u jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tal-UEM[15].

**Figura 12: Varjazzjoni fil-porzjon ta' taxxa bejn l-2010 u l-2014**

[14] Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol huwa kompost minn taxxi fuq l-introjtu personali flimkien mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u tal-impjegati.
[15] Ara diversi dikjarazzjonijiet tal-Grupp tal-Euro, eż. Dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro, "Structural reform agenda - thematic discussions on growth and jobs - Common principles for reforms reducing the tax burden on labour", Milan, 12 ta' Settembru 2014.




Sors: Tax and benefits database, OECD/EC. Nota: Id-dejta tirreferi għal unitajiet domestiċi ta' persuna b'paga waħda (bla tfal), dejta tal-2013 flok tal-2014 għal BG, LT, LV, MT u RO.

## *1.3 Xejriet u sfidi soċjali*

**L-introjtu tal-unitajiet domestiċi fl-UE qed jerġa' jiżdied**, bis-saħħa ta' attività ekonomika iktar qawwija u tat-titjib fil-qagħda tas-suq tax-xogħol. Bħala medja fl-UE, l-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GHDI) reali kien stmat li kiber bi 2.2% matul is-sena sal-ewwel kwart tal-2015 (Figura 13). Iż-żieda fl-introjtu domestiku reali kienet stimulata minn żidiet fl-introjtu tas-suq, l-iktar il-pagi, u sa ċertu punt inqas minn ta' dawk li jaħdmu għal rashom u l-introjtu nett mill-proprjetà. It-taxxi fuq l-introjtu u l-ġid naqqsu xi ftit il-progress tal-introjtu GHDI reali fl-2014 u fl-ewwel kwart tal-2015.

**Figura 13: Il-varjazzjoni fil-GHDI u l-komponenti tiegħu fl-UE**




Sors: Eurostat, Kontijiet Nazzjonali (kalkoli tad-DĠ EMPL)

**Ħarsa aktar mill-qrib lejn il-prestazzjoni ta' pajjiż tikkonferma li ħafna Stati Membri bbenefikaw minn żieda fil-GHDI fl-2014.** It-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-impjieg u l-qasam soċjali (Figura 14)[16] turi li, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-introjtu disponibbli reali tal-unitajiet domestiċi żdied matul l-2014. L-Iżvezja, il-Litwanja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Latvja esperjenzaw l-akbar titjib fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi, b'żidiet ogħla minn 2 % fuq bażi annwali. Għall-kuntrarju ta' dan, ġie rreġistrat tnaqqis fir-Renju Unit, fl-Italja u fil-Finlandja, b'dan tal-aħħar għandu jinqara b'mod parallel ma' deterjorament ġenerali fl-indikaturi dwar il-qgħad. S'issa ma hemm l-ebda dejta disponibbli li tevalwa l-evoluzzjoni reċenti ta'GHDI f'xi pajjiżi milquta bil-kbir mill-kriżi (pereżempju l-Greċja u Ċipru).

[16] Dejta dwar il-GHDI estratta fit-28 ta' Ottubru 2015. Iċ-ċifri għall-2014 mhumiex disponibbli f'dik id-data għal disa' Stati Membri (il-Bulgarija, l-Irlanda, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja u r-Rumanija).

**Figura 14: Il-varjazzjoni fil-GHDI fl-2014 kif irrapportata fit-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali**




Sors: Eurostat, Kontijiet Nazzjonali (kalkoli tad-DĠ EMPL).

**Il-perċentwal tal-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) stabbilizza ruħu fl-2013 u fl-2014 wara żieda kontinwa bejn l-2009 u l-2012.**

Il-mira ta' Ewropa 2020 tat-tnaqqis tal-faqar titkejjel bl-użu tar-rata tal-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni (AROPE), ipprovduta mill-Eurostat. Il-proporzjon AROPE huwa s-sehem tal-persuni:

- f'riskju ta' faqar (AROP), jiġifieri l-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi ekwivalizzat[17] (wara t-trasferimenti soċjali u wara l-pensjonijiet) taħt is-60% tal-introjtu medju disponibbli tal-unitajiet domestiċi;
- JEW f'deprivazzjoni materjali estrema[18];
- JEW li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol[19].

[17] Il-Eurostat japplika fattur ta' ekwivalizzazzjoni kkalkolat skont l-iskala mmodifikata mill-OECD. Jagħti piż ta' 1.0 lill-ewwel persuna ta' 14-il sena jew iktar, piż ta' 0.5 lil persuni oħrajn ta' 14-il sena jew iktar, u piż ta' 0.3 lil persuni tal-età bejn 0 u 13-il sena. Il-Eurostat jipprovdi definizzjoni dettaljata fuq http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Glossary:Material_deprivation

[18] Persuni jitqiesu f'deprivazzjoni materjali estrema meta ma jkunux jaffordjaw mill-inqas tliet oġġetti (prodotti u servizzi) minn lista ta' 10 oġġetti meqjusin importanti.

[19] Persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol huma dawk li għandhom bejn 0 u 59 sena li jgħixuu f'unitajiet domestiċi fejn l-adulti (tal-età bejn 18-59 sena) jaħdmu inqas minn 20% tal-potenzjal totali tax-xogħol tagħhom matul l-aħħar sena.

Ir-rata tal-AROPE fit-28 Stat Membru tal-UE (UE-28) niżlet xi ftit fl-2014 għal 24.4%[20] jew 122 miljun ruħ, tnaqqis minn 24.5% fl-2013 u minn 24.7% fl-2012. Madankollu, xorta kienet punt perċentwali ogħla milli kienet fl-2009 (23.3%).

**L-unitajiet domestiċi mingħajr impjieg u d-deprivazzjoni materjali estrema jispjegaw ħafna mill-evoluzzjoni fl-AROPE.** Fl-2013, id-deprivazzjoni materjali estrema naqset ftit għal 9.6% tal-popolazzjoni sħiħa. Fuq il-bażi tad-dejta proviżorja tal-EUROSTAT għall-2014[21], huwa mistenni li tkun niżlet iżjed minn dak iż-żmien waqt li tibqa' ogħla sew mit-8.2% tal-2009 (ara l-Figura 15). Barra minn hekk, is-sehem tal-unitajiet domestiċi mingħajr impjieg tela' għal 10.8% fl-2013, ħafna ogħla mil-livell ta' 9.1% ta' qabel il-kriżi. Ir-rata ta' riskju ta' faqar, li tirreferi għall-grupp ta' persuni li jirċievu inqas minn 60% tal-introjtu medju tal-unitajiet domestiċi wara t-trasferimenti[22] baqgħet stabbli għal madwar 16.6%, imma l-livelli limitu tal-faqar sa liema l-persuni jitqiesu f'riskju ta' faqar għadhom qed jitbaxxew, u jirriflettu deterjorament kontinwu tal-livelli tal-għajxien. Il-livell safejn ir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali jistgħu jiġu evitati kienet tiddependi fuq l-istabilizzaturi awtomatiċi nazzjonali.

**Figura 15: Ix-xejriet tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali fl-UE**




Sors: Eurostat, EU-SILC.

---

[20] Id-dejta dwar l-AROPE għall-2014 hija stima pprovduta mill-Eurostat, abbażi tad-dejta pprovduta mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.
[21] Iktar tagħrif dwar ir-riżultati bikrin ta' statistika dwar id-deprivazzjoni materjali jista' jinkiseb mill-pubblikazzjoni rispettiva tal-EUROSTAT disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Material_deprivation_statistics_-_early_results
[22] Inqas minn 60% tal-introjtu medju nazzjonali tal-unitajiet domestiċi wara t-trasferimenti soċjali.

Nota: Ċifri proviżorji għall-2014. EU27 sal-2009; unitajiet domestiċi mingħajr impjieg: % tal-popolazzjoni bejn 0 u 59 sena; AROPE, AROP: introjtu tas-sena preċedenti; SMD: sena attwali; unitajiet domestiċi mingħajr impjieg: sena preċedenti.

Disa' Stati Membri kisbu rati tal-AROPE taħt l-20% fl-2013 u fl-2014 (ir-Repubblika Ċeka, in-Netherlands, il-Finlandja, l-Iżvezja, Franza, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Lussemburgu u s-Slovakkja) li b'mod ġenerali baqgħu fl-istess livell tal-2009. Għall-kuntrarju ta' dan, sitt Stati Membri kellhom rati tal-AROPE 'l fuq minn 30%, u fosthom, erba' pajjiżi rnexxielhom inaqqsu r-rata nazzjonali tagħhom tal-AROPE mis-sena ta' qabel (Figura 16).

**Figura 16: Ir-rati tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) bħala % tal-popolazzjoni totali**




Sors: Eurostat, EU-SILC

**Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u wliedhom kienu l-iktar f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali**, waqt li l-anzjani kienu mħarsin aħjar bl-istabilità relattiva tal-pensjonijiet meta mqabbla mal-qligħ minn impjieg (Figura 17). Ir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol żdied minn 23% fl-2008 għal 25.3% fl-2013 minħabba t-telf ta' impjiegi u ż-żieda tal-faqar fost dawk li jaħdmu. L-irġiel issoktaw ikunu ftit inqas f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali min-nisa fl-Istati Membri tal-UE 28 fl-2013: ir-rata AROPE għall-irġiel kienet ta' 23.6%, meta mqabbla ma' dik ta' 25.4% għan-nisa.

**Figura 17: Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali skont il-grupp ta' età, l-istatus fis-suq tax-xogħol u l-livell ta' ħiliet, 2008 u l-varjazzjoni 2008-2013**




Sors: Eurostat, EU-SILC

Jekk wieħed iħares lejn il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (il-grupp ta' età 18-64), l-evidenza mit-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali turi li tliet pajiiżi b'livell ta' riskju ta' faqar (AROP) ogħla jew madwar il-medja tal-UE (Ċipru, il-Portugall u r-Rumanija) esperjenzaw iktar żidiet fl-2013. F'Ċipru u fil-Portugall il-kobor taż-żieda kien elevat (2.2 u 1.5 pps rispettivament). Pajjiżi oħrajn b'livelli ta' faqar ħafna ogħla mill-medja (il-Greċja, Spanja u l-Litwanja) ma rreġistraw l-ebda tnaqqis statistikament sinifikanti; is-sitwazzjoni tagħhom għalhekk għadha kritika. Fost il-pajjiżi b'livelli ta' riskju ta' faqar relattivament iktar baxxi, is-sitwazzjoni f'Malta u fl-Iżvezja teħtieġ attenzjoni, fid-dawl ta' żidiet ħafna ogħla mill-medja. Kif jidher fl-Figura 18[23], l-inklinazzjoni pożittiva tal-linja ta' rigressjoni indikat xejra diverġenti fost l-Istati Membri.

[23] Abbażi tad-dejta mill-istħarriġ EU-SILC, ġew ikkalkolati intervalli ta' fiduċja fuq stimi bil-punti għall-indikaturi tar-riskju ta' faqar u tal-inugwaljanza fl-introjtu (S80-S20). Ir-riżultati ta' dan il-kalkolu ġew inkorporati fil-metodoloġija tal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri. Fil-Grafiki 16 u 18 il-varjazzjonijiet annwali li mhumiex statistikament differenti minn żero huma sostitwiti b'dan il-valur, kif imiss. Bl-istess mod, livelli li mhumiex statistikament differenti mill-medja (mhux ponderata) tal-UE huma sostitwiti b'dan il-valur. Tagħrif dettaljat dwar il-metodoloġija jinsab fl-Anness,

**Figura 18: Ir-rati ta' riskju ta' faqar fl-età tax-xogħol (18-64), kif irrapportati fit-tabella ta' valutazzjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali**




Sors: Eurostat, EU-SILC (kalkoli tad-DĠ EMPL). Perjodu: Il-livell tal-2013 u l-varjazzjoni 2012-2013.
Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE28. UE28 u ŻE19 jirreferu għall-medji ponderati rispettivi. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Varjazzjonijiet u differenzi statistikament insinifikanti mill-medja (mhux ponderata) tal-UE tniżżlu bħala żero. Għall-informazzjoni metodoloġika, ikkonsulta l-Anness.

**Il-persuni qiegħda qed jiffaċċjaw l-ogħla riskju ta' faqar u ta' esklużjoni, imma l-faqar fost dawk li jaħdmu wkoll żdied matul il-kriżi anke jekk ir-rata AROP fost dawk li jaħdmu stabbilizzat ruħha bħala medja fl-Istati Membri tal-UE 28, minn 8.9% fl-2013 għal 9.0% fl-2012.** Ir-rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu varjat minn 3.7% fil-Finlandja għal 18% fir-Rumanija. It-tnaqqis fil-qgħad jikkontribwixxi sabiex jonqsu l-livelli tal-faqar imma biss nofs il-fqar li jsibu xogħol attwalment jaħarbu l-faqar[24]. Fil-fatt, l-impatt tal-ħolqien tax-xogħol u tat-tkabbir tal-impjiegi fuq il-faqar jiddependi minn jekk l-impjiegi ġodda joffrux paga li tiggarantixxi l-għajxien (kemm f'termini ta' sigħat maħduma kif ukoll tal-paga kull

[24] Ara Employment and Social Development in Europe 2013

siegħa) u minn jekk imorrux għand unitajiet domestiċi mogħnija bl-impjiegi, jew għand familji mingħajr impjieg.

Waqt li r-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni fost it-tfal stabbilizza ruħu fl-2013 fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, xorta kien għadu għoli ħafna b'27.7% u l-perċentwal tat-tfal f'unitajiet domestiċi mingħajr impjieg kompla jikber (9.7% fl-UE fl-2013). Il-livelli tal-għajxien tat-tfal jiddependu bil-kbir fuq is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ġenituri. Tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi mingħajr impjieg, ma' ġenitur waħdu, jew ma' ġenitur wieħed biss li jaħdem, jiffaċċjaw riskju ħafna ikbar ta' faqar. F'ħafna pajjiżi, it-trasferimenti ta' flus jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riskju ta' faqar fost it-tfal billi jikkompensaw sa limitu li jvarja għan-nuqqas ta' introjtu mix-xogħol (minn inqas minn 20% fil-Greċja u r-Rumanija sa iktar minn 50% fl-Iżvezja, fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fir-Renju Unit u fl-Irlanda).

**Persuni b'diżabilitajiet aktarx li jesperjenzaw rati AROPE ogħla** (30% fl-2013) u r-riskju jiżdied skont il-livell ta' diżabilità (estrem – moderat). Id-diskrepanza AROPE bejn persuni b'diżabilitajiet u oħrajn mingħajr diżabilità (8.5 p.p. fl-UE) mhijiex tonqos. **Il-livell ta' edukazzjoni kompla jkun l-ixprun ewlieni tad-differenzi fir-rati ta' faqar monetarju.** Ir-rati AROP għal persuni li għandhom edukazzjoni terzjarja (livelli 5 u 6) kienu inqas minn terz tar-rata AROP għal persuni li għandhom livell primarju ta' edukazzjoni jew tal-ewwel sekondarju. Fl-2013, ir-rati kienu 7.5% u 23.7% rispettivament. Għal persuni b'edukazzjoni sekondarja għolja, ir-rata korrispondenti kienet ta' 14.5%.

**L-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet ġeneralment stabbli fl-2013.** Il-proporzjon S80-S20[25], inkluż fit-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali, irreġistra żieda ċkejkna (b'0.1 pps) fiż-żona tal-ewro, waqt li baqa' kważi kostanti fl-UE28 (Figura 19). Madankollu, kienet osservata varjazzjoni kbira u li qed tiżdied ta' ċifri ta' inugwaljanza fl-Ewropa, bħala riżultat, fost l-oħrajn, tal-impatt differenti tal-kriżi fuq l-impjiegi u fuq l-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi, tar-rwol ridistributtiv differenti tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, u tal-pożizzjonijiet differenti fis-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni soċjali. L-ogħla ċifri ta' inugwaljanza ġew osservati fil-Portugall, fil-Litwanja, fi Spanja, fil-Latvja, fil-Greċja, fil-Bulgarija u fir-Rumanija, li kollha juru proporzjon S80-S20 ogħla minn sitta. Fost dawn il-pajjiżi, żidiet rilevanti ġew irreġistrati mil-Litwanja u l-

[25] Il-S80-S20 ikejel il-proporzjon bejn l-introjtu fl-20% tal-popolazzjoni bl-ogħla dħul u l-introjtu tal-20% bl-iktar dħul baxx, abbażi tad-dejta SILC.

Bulgarija. Il-Lussemburgu wkoll wera żieda ħafna ogħla mill-medja ta' inugwaljanza fl-introjtu fl-2013, għalkemm il-livell tagħha baqa' relattivament aktar baxx.

**Figura 19: L-inugwaljanza (il-kejl S80/S20), kif irrapportata fit-tabella ta' valutazzjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali**




Sors: Eurostat, EU-SILC (kalkoli tad-DĠ EMPL). Perjodu: Il-livell tal-2013 u l-varjazzjoni 2012 – 2013.
Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE28. UE28 u ŻE19 jirreferu għall-medji ponderati rispettivi. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Varjazzjonijiet statistikament insinifikanti tniżżlu bħala żero. Għal informazzjoni metodoloġika, ikkonsulta l-Anness.

**In-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali bħala sehem tal-PDG żdiedet ftit bħala medja fl-Istati Membri tal-UE28.** Din telgħet għal 29.4% tal-PDG tal-UE-28 fl-2012 minn 29.0% tal-PDG fl-2011. Għaxar Stati Membri ddedikaw iktar minn 30% tal-PDG tagħhom għal nefqiet fuq il-protezzjoni soċjali fl-2012 (id-Danimarka, Franza, in-Netherlands, l-Irlanda, il-Greċja, il-Finlandja, l-Iżvezja, l-Italja u l-Awstrija), waqt li fi tmien pajjiżi in-nefqa kienet inqas minn 20% (il-Latvja, l-Estonja, ir-Rumanija, il-Litwanja, il-Bulgarija, il-Polonja, is-Slovakkja u Malta). F'termini tas-sehem tal-infiq, fl-2013 iktar minn nofs in-nefqa totali huwja relatat max-xjuħija (il-pensjonijiet; Figura 20.

**Figura 20: Il-komponenti tan-nefqa soċjali fl-2013, UE-28, bħala % tan-nefqa totali fuq il-protezzjoni soċjali**




Sors: Eurostat, ESSPROS

Fl-2014, filwaqt li l-ambjent ekonomiku tjieb, kemm in-nefqa ta' flus kontanti kif ukoll dik *in natura* żdiedu f'termini reali fl-UE u fiż-ŻE b'pass aktar mgħaġġel milli fl-2013 (Figura 21). Madankollu, iż-żieda fil-benefiċċji *in natura* fl-2014 ikkumpensat biss parzjalment għat-tnaqqis osservat bejn l-2010 u l-2012. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rreġistraw żidiet simili, minbarra l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Kroazja u s-Slovenja fejn il-benefiċċji *in natura* baqgħu jonqsu.

**Figura 21: It-tqassim tal-varjazzjoni annwali fin-nefqa soċjali pubblika reali bejn il-kontribuzzjonijiet minn benefiċċji fi flus kontanti u benefiċċji *in natura* (2001-14) fl-UE28 u ż-ŻE19**




Sors: Eurostat, Kontijiet Nazzjonali (kalkoli tad-DĠ EMPL). Nota: il-valuri għall-2014 huma stima bbażata fuq il-Kontijiet Nazzjonali. Nota: Fejn m'hemmx dejta disponibbli fil-Kontijiet Nazzjonali (annwali), id-dejta jew ġiet ibbażata fuq il-Kontijiet Nazzjonali (trimestrali) jew fuq il-bażi tad-dejta AMECO (fil-każ ta' dan tal-aħħar normalment jiġu applikati rati kkalkolati ta' tkabbir għad-dejta disponibbli mill-Kontijiet Nazzjonali (annwali).

Bidliet fis-sistema tat-taxxi u l-benefiċċji matul il-perjodu 2008-14 kellhom impatt qawwi fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi fl-Istati Membri[26]. F'xi pajjiżi, il-miżuri adottati sa mill-2008 wasslu għal tnaqqis qawwi fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi (-17% fil-Greċja, -4.5% fil-

[26] De Agostini et al (2015) The effect of tax-benefit changes on the income distribution in 2008-2014

Latvja, u madwar -4% fl-Italja u fl-Estonja), anke jekk l-impatt kien ġeneralment ikbar fuq introjti għoljin milli fuq introjti baxxi. Iktar riċenti, f'bosta mill-Istati Membri vvalutati, il-miżuri adottati fl-2012-14 kellhom impatt ġeneralment pożittiv fuq l-introjtu u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet kienu iktar ta' benefiċċju għal gruppi bi dħul iktar baxx. Jista' jiġi nnotat li f'pajjiżi li esperjenzaw impatt medju simili fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi, l-impatt distibuttiv tal-miżuri tul il-perjodu 2008-2014 varja bejn gruppi bi dħul baxx u oħrajn bi dħul għoli, li tenfasizza l-importanza tat-tfassil tal-miżuri f'termini ta' eżiti ta' politika.

F'xi pajjiżi, l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx sar iktar diffiċli. Bħal medja fl-UE, 6.4% tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx (l-iktar kwintil baxx) irrapportaw ħtieġa għal kura tas-saħħa li ma ġietx issodisfata[27], meta mqabblin mal-1.5% ta' dawk li jgħixu f'unitajiet domestiċi iktar sinjuri (il-kwintil ta' fuq). Id-distakk fl-aċċess għall-kura tas-saħħa bejn is-sinjuri u l-fqar kiber matul il-kriżi fl-Istati Membri (Figura 22).

**Figura 22: It-tweġibiet ta' dawk affettwati mill-bżonn mhux issodisfat ta' eżami mediku (l-iktar kwintil baxx-il-kwintil ta' fuq)**




Sors: Eurostat, EU-SILC. Noti: Raġuni: jiġi għali wisq jew huwa mbiegħed wisq għall-ivvjaġġar jew fuq il-lista ta' stennija. L-ebda (dejta ppubblikata tal-Eurostat disponibbli għal SI)

[27] Għall-persuni li rrapportaw li ma marrux għand it-tabib ukoll meta kellhom bżonn minħabba li tiġihom għalja wisq, iż-żmien ta' stennija huwa wisq twil jew huwa imbiegħed wisq minn fejn joqogħdu.

## 2. IR-RIFORMI TAL-IMPJIEGI U TAL-QASAM SOĊJALI – L-AZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Din it-taqsima tippreżenta ħarsa ġenerali lejn ir-riformi riċenti ewlenin tal-impjiegi u tal-qasam soċjali u lejn il-miżuri meħudin mill-Istati Membri f'oqsma ta' prijorità identifikati mil-linji gwida l-ġodda tal-UE dwar l-impjiegi[28]. Il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi jgħaqqdu flimkien l-orjentazzjonijiet tad-domanda u tal-provvista u, waqt li huma indirizzati lill-Istati Membri, għandhom jiġu implimentati billi jassoċjaw b'mod sħiħ l-imsieħba soċjali u l-partijiet involuti. Din it-taqsima hija msejsa fuq id-dejta ta' LABREF tal-2014 kif ukoll fuq il-Programmi ta' Riforma Nazzjonali 2015 tal-Istati Membri u s-sorsi tal-Kummissjoni Ewropea[29].

### 2.1 L-ixprunar tad-domanda għall-impjiegi

**Is-sussidji għall-impjiegi għadhom jikkostitwixxu strument użat ħafna sabiex jiġu appoġġjati l-impjiegi u l-ħolqien tagħhom**, b'xi pajjiżi jkabbru jew jirfinaw programmi eżistenti (il-Litwanja, l-Iżvezja, l-Irlanda), u oħrajn jintroduċu skemi ġodda għalkollox (Ċipru, Franza, ir-Rumanija u l-Italja). Inċentivi biex jinfetħu negozji li jinkludu miżuri li jinkoraġġixxu l-intraprenditorija ġew deċiżi fi Spanja, f'Ċipru, fil-Portugall u fis-Slovakkja.

**L-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol sa mill-bidu tal-kriżi wriet rabta bejn il-bilanċ fil-baġit tal-gvern u d-direzzjoni tar-riformi fit-tassazzjoni fuq ix-xogħol.** Bħala medja, pajjiżi b'bilanċ baġitarju negattiv persistenti approvaw iktar miżuri ta' riforma li żiedu t-tassazzjoni fuq ix-xogħol. Il-progress favur tnaqqis fil-porzjon għoli ta' taxxa fuq ix-xogħol jibqa' sfida imma diversi pajjjiżi riċentement approvaw miżuri li jnaqqsu l-porzjon ta' taxxa.

---

[28] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida tal-politika tal-Istati Membri għall-impjiegi, it-2 ta' Marzu 2015; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2015 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri għall-2015.

[29] Analiżi komprensiva tal-iżviluppi fis-suq tax-xogħol u tal-pagi mill-2008 tinsab f'*Labour market developments and wages in 2015*. Rapport, il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, 2015.

Ġie introdott jew imsaħħaħ tnaqqis strutturali fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali sabiex tiġi appoġġjata d-domanda għall-ħaddiema fi Franza, fil-Greċja, fil-Latvja, fil-Belġju, fl-Italja, fir-Rumanija u fl-Iżvezja. Sar tnaqqis immirat għal gruppi vulnerabbli fil-Kroazja, fis-Slovenja, fil-Portugall, fis-Slovakkja, fil-Belġju u fir-Renju Unit. Fl-2015 Spanja introduċiet rata mnaqqsa ta' kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għall-ingaġġar b'kuntratti indefiniti. Il-Finlandja naqset il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati sabiex tagħmel tajjeb għaż-żidiet baxxi fil-pagi. Fl-Italja, il-Liġi ta' Stabilità tal-2015 introduċiet diversi miżuri sabiex jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol, inklużi kostijiet lavorattivi mnaqqsa għal min iħaddem, krediti ta' taxxa għal dawk bi dħul baxx u tnaqqis ta' tliet snin f'kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fil-każ ta' ingaġġar għal żmien indefinit fl-2015. Fi Franza, il-"Patt ta' Responsabilità u ta' Solidarjetà" fl-2014 żied aktar tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal dawk bi dħul baxx u medju flimkien mal-krediti tat-taxxa mhux immirati eżistenti għall-kompetittività u l-impjiegi. Il-Greċja introduċiet skala ta' taxxa ġdida, neħħiet il-livelli limiti ħielsa mit-taxxi u ssostitwiethom bi krediti ta' taxxa mmirati.

**Wara azzjonijiet estensivi fis-snin preċedenti, l-iffissar tal-pagi ġeneralment qed juri li l-pagi reali jimxu skont l-iżviluppi fil-produttività, u xi pajjiżi riċentement ħadu miżuri sabiex jindirizzaw il-paga minima.** Ftehimiet intersettorjali dwar il-moderazzjoni tal-pagi ġew miftiehma fil-Finlandja għall-2014-2015 u fi Spanja għall-2015-2016. Fis-Slovenja ġie konkluż Ftehim Soċjali fl-2015 li qiegħed il-ftehimiet kollettivi, l-inflazzjoni u sehem mill-produttività settorjali bħala l-bażi tal-iffissar tal-pagi fis-settur privat. Sabiex ikun żgurat l-allinjament bejn l-iżvilupp fil-pagi u l-iżvilupp fil-produttività, il-gvern Belġjan issospenda temporanjament l-indiċjar awtomatiku tal-pagi sal-2016, waqt li f'Ċipru s-sospensjoni tal-indiċjar tal-pagi ġiet estiża għall-2016 anke għas-settur privat. Hemm mekkaniżmi ġodda li jiffissaw il-paga minima fil-Greċja (mill-2017 'il quddiem), fl-Irlanda u fil-Kroazja, u ġiet introdotta paga minima statutorja nazzjonali fil-Ġermanja mill-2015. Fil-Portugall, it-13 u l-14-il xahar tal-pagi tal-amministrazzjoni pubblika ddaħħlu mill-ġdid wara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Fir-Renju Unit, il-gvern qed jintroduċi paga nazzjonali li tiggarantixxi l-għajxien li hi ddeterminata minn sett ta' kriterji li huma differenti minn dawk li kienu japplikaw għall-paga minima nazzjonali eżistenti.

## 2.2 Titjib tal-provvista tal-ħaddiema, tal-ħiliet u tal-kompetenzi

**F'għadd ta' Stati Membri t-tnaqqis fit-taxxi fuq l-introjtu personali appoġġja l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.** Tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu personali, l-iktar sabiex jiġu indirizzati l-qagħda finanzjarja mwegħra u d-diżinċentivi għax-xogħol fost gruppi bi dħul baxx, ġie approvat fi Spanja u fil-Latvja. Oħrajn għollew il-livell limitu tad-dħul baxx jew il-krediti ta' taxxa (l-Iżvezja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands u l-Ġermanja). L-Awstrija wettqet tibdil sinifikanti fit-taxxa fuq l-introjtu personali fl-2015, inkluż permezz ta' tnaqqis fir-rata tad-dħul għat-taxxa fuq l-introjtu personali.

**Ir-riformi fil-pensjonijiet qed ikomplu jiffokaw fuq l-ibbilanċjar mill-ġdid taż-żmien mgħoddi fuq ix-xogħol maż-żmien mgħoddi fl-irtirar, prinċipalment permezz ta' etajiet pensjonabbli ogħla, kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà aktar stretti u opportunitajiet imnaqqsa ta' rtirar bikri.** Matul l-aħħar sena, diversi Stati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, in-Netherlands, il-Portugall u r-Renju Unit) adottaw żidiet ġodda jew antiċipaw żidiet li diġà kien hemm ippjanati għall-età pensjonabbli. B'kollox, 25 minn 28 Stat Membru lleġiżlaw żidiet attwali jew futuri. Fosthom, sebgħa (Ċipru, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall u s-Slovakkja) rabtu b'mod espliċitu l-età pensjonabbli ma' stennija tal-għomor itwal fil-ġejjieni, u pajjiżi oħrajn (il-Belġju, il-Finlandja u s-Slovenja) qegħdin jikkunsidraw li jagħmlu l-istess.

Iktar Stati Membri qegħdin jieħdu passi sabiex inaqqsu l-ħruġ mid-dinja tax-xogħol permezz tal-irtirar kmieni, pereżempju, billi jgħollu l-età tal-eliġibbiltà u/jew it-tul rikjest ta' karriera (il-Belġju, il-Latvja) jew bl-eliminazzjoni gradwali ta' benefiċċji u skemi speċifiċi ta' rtirar bikri (il-Lussemburgu, il-Polonja). Diversi Stati Membri (il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Kroazja) introduċew kriterji u proċeduri iktar stretti li jirregolaw l-aċċess għall-benefiċċji tad-diżabilità, sabiex jiżguraw li dawn ikunu mmirati għal dawk li ġenwinament jixirqilhom u ma jintużawx bħala għamla ta' skema ta' rtirar bikri.

**Xi Stati Membri wettqu riformi fl-2014-2015 sabiex itejbu l-politiki ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bil-għan li jżidu l-parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol.** L-Awstrija ħabbret investimenti li jammontaw għal EUR 800 miljun sas-sena 2018/2019 sabiex iżżid l-għadd u d-disponibbiltà tal-postijiet fi skejjel ta' ġurnata sħiħa, kif ukoll sabiex ittejjeb il-kwalità tas-servizzi tagħhom. Ir-Renju Unit introduċa l-liv tal-ġenituri kondiviż, li jippermetti lill-ġenituri li jaqsmu 52 ġimgħa ta' liv imħallas u ta' paga wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' wild.

It-titjib fil-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol jista' jgħinhom jindirizzaw ir-riskju ikbar li għandhom ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, speċjalment fil-każ ta' unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, kif ukoll jgħinhom jevitaw l-esperjenza tal-faqar fix-xjuħija minħabba li jkunu intitolati għal pensjoni baxxa.

L-inkoraġġiment lin-nisa sabiex jidħlu u jibqgħu fid-dinja tax-xogħol jista' jgħin ukoll sabiex jiġu bbilanċjati l-effetti ta' popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tiċkien kif ipproġettata f'ħafna Stati Membri billi jtejjeb il-provvista tal-ħaddiema. B'hekk tonqos il-pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali, isir użu aħjar mill-ħiliet u l-kompetenzi tan-nisa, u jikber il-potenzjal tat-tkabbir u l-kompetittività.

**Dgħufijiet strutturali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ikomplu jħallu impatt fuq il-livelli tal-ħiliet.** Ir-riformi riċenti fl-Italja kienu mmirati biex jistabbilizzaw is-sistema edukattiva pubblika permezz ta' kuntratti permanenti għall-persuni li jaħdmu fis-settur. Fl-2015, Spanja rriformat l-organizzazzjoni u l-governanza tal-hekk imsejħa subsistema ta' taħriġ għall-impjiegi fi sforz li tlaqqa' l-kontenut tat-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, waqt li fl-Iżvezja inizjattiva ġdida ta' edukazzjoni għall-adulti se żżid l-għadd ta' postijiet fis-sistema muniċipali tal-edukazzjoni għall-adulti. It-titjib fil-ġbir tal-informazzjoni dwar il-ħiliet (il-valutazzjoni, l-antiċipazzjoni u t-tbassir tal-ħiliet meħtieġa) u l-użu tagħha sabiex jiġu ggwidati l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jgħinu biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn id-domanda għall-ħiliet u l-provvista tagħhom. Waqt li xi Stati Membri għandhom tradizzjoni stabbilita ta' tbassir kwantitattiv u kwalitattiv u mekkaniżmi ċari ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-parteċipanti fis-suq tax-xogħol (eż. id-Danimarka, l-Iżvezja), oħrajn għandhom sistemi inqas koerenti. Xi Stati Membri jinsabu fil-proċess li jiżviluppaw il-ġbir tal-informazzjoni dwar il-ħiliet (eż. l-Estonja, ir-Rumanija), spiss bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE)[30]. Madankollu, in-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni naqset f'madwar nofs l-Istati Membri u r-rata niżlet b'3.2% għall-UE globalment meta mqabbla ma' dik tal-2010[31].

**L-Istati Membri għamlu sforzi sabiex jappoġġjaw l-impjiegi għaż-żgħażagħ u jindirizzaw livelli għoljin ta' NEETs. Azzjoni sostantiva tal-Istati Membri ffokat fuq it-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ għal tranżizzjonijiet aħjar mill-iskola għad-dinja tax-xogħol.** Il-Ġermanja emendat il-liġi tagħha sabiex timplimenta "taħriġ vokazzjonali

[30] Skills Governance in the EU Member States, Rapport ta' Sinteżi, Ottubru 2015 (ħiereġ dalwaqt, il-link tiddaħħal aktar tard minn C4)
[31] Dejta għall-2013, Education and Training Monitor 2015

assistit", li jippermetti t-tħejjija aħjar u s-segwitu ta' żgħażagħ żvantaġġati kif ukoll li jipprovdi servizzi lil kumpaniji impenjati fit-taħriġ ta' żgħażagħ żvantaġġati. Fi Franza, pjan komprensiv sabiex jitnaqqas it-tluq mill-iskola qabel iż-żmien ilu qed jiġi implimentat minn tmiem l-2014. Għal studenti li jkunu fir-riskju li jkollhom 15-il sena jew aktar, qegħdin isiru esperimenti b'"mogħdija ta' taħriġ inizjali adattat" li tgħaqqad l-edukazzjoni regolari ma' attivitajiet barra mill-iskola. Għal żgħażagħ li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien u li jkollhom bejn 16 u 25 sena ġie introdott dritt legali sabiex ikunu jistgħu jerġgħu lura għall-edukazzjoni jew għat-taħriġ.

Il-Polonja ħadet miżuri sabiex tipprovdi apprendistati għal studenti kemm ma' kumpaniji kbar kif ukoll mal-amministrazzjoni pubblika. Id-Danimarka timplimenta riforma maġġuri fl-edukazzjoni vokazzjonali mill-2015 'il quddiem bil-għan, fost l-oħrajn, li tnaqqas in-numru ta' dawk li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, tippromwovi l-popolarità tal-edukazzjoni vokazzjonali u żżid l-opportunitajiet ta' apprendistat. Fil-Bulgarija sar tibdil fil-leġiżlazzjoni dwar il-forniment ta' apprendistati u għaddejja ħidma sabiex il-kurrikula jiġu adattati b'mod li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Fl-Awstrija l-attenzjoni fuq iż-żgħażagħ kienet ukoll kienet iffokata ħafna fuq l-edukazzjoni, u kienet tinkludi riformi fit-taħriġ vokazzjonali kif ukoll fl-edukazzjoni għolja, sabiex tiġi ffaċilitata aħjar il-mogħdija mill-edukazzoni għall-ħajja tax-xogħol. Riforma fl-"Att dwar it-Taħriġ Vokazzjonali" għandha l-għan li tissokta ġġib 'il quddiem is-sistema ta' taħriġ tal-apprendistat u li ttejjeb il-kwalità tagħha. L-Italja approvat riforma fl-iskejjel li tippromwovi l-użu ta' traineeships u li tiffoka fuq il-kooperazzjoni ma' kumpaniji.

**L-isforzi sabiex tiġi appoġġjata l-attivazzjoni bikrija tan-NEETs u sabiex jintlaħqu żgħażagħ li jinsabu l-iktar imbegħdin mis-suq tax-xogħol żdiedu f'bosta Stati Membri.** B'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea, il-Latvja, il-Finlandja, il-Portugall u r-Rumanija żviluppaw attivitajiet kmieni fl-2015 sabiex iżidu l-għarfien dwar l-opportunitajiet offruti mill-Garanzija għaż-Żgħażagħ, biex jinkoraġġixxu n-NEETs jirreġistraw ma' fornituri u jibbenefikaw mill-għajnuna. Il-Portugall ħoloq netwerk wiesgħa ta' sħab sabiex jintlaħqu iktar NEETs. Barra minn hekk, tqiegħdet pjattaforma tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ online fejn kull NEET jista' jirreġistra u jiġi awtomatikament ggwidat mill-ġdid għas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, għan-netwerk tal-EURES jew għaċ-ċentri għall-kwalifiki u t-taħriġ professjonali. Fl-Iżvezja r-responsabilità tal-muniċipalitajiet li jintervjenu vis-à-vis NEETs żgħażagħ issaħħet b'mod konsiderevoli minn Jannar 2015. Il-Bulgarija nediet programm nazzjonali "Nattivaw lil min hu inattiv", li jinkludi l-ħatra ta' medjaturi tar-Roma, bil-għan li tirreġistra n-NEETs qalbhom

maqtugħa mal-uffiċċji tax-xogħol u li tinvolvihom fit-taħriġ jew tgħinhom jirritornaw għall-edukazzjoni. Il-Kroazja qiegħda tiżviluppa sistema ta' traċċar għan-NEETs fl-2015 sabiex tindirizza ż-żidiet fin-numri tan-NEETs bħala parti minn reġistru komprensiv tar-riżorsi umani.

**It-tneħħija tal-ostakli bejn l-atturi ewlenin fit-tranżizzjoni mill-iskola għad-dinja tax-xogħol (l-edukazzjoni, is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, l-impjegaturi) kienet prijorità importanti oħra.** Fil-Belġju, l-appoġġ għall-impjiegi taż-żgħażagħ u għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ huwa prijorità ewlenija fl-Istrateġija għal Brussell 2025, adottata f'Ġunju 2015. Bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-istrateġija tinvolvi l-ministri rilevanti kollha u hija implimentata bi sħubija bejn il-livelli ewlenin tal-governanza, sabiex jinbnew pontijiet bejn is-setturi tal-impjiegi, tal-edukazzjoni u taż-żgħażagħ. Parzjalment imnebbħa mill-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-Ġermanja kompliet tistabbilixxi aġenziji tal-impjiegi taż-żgħażagħ/alleanzi lokali sabiex tgħin liż-żgħażagħ fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol – u kienet tellgħet in-numru għal mhux inqas minn 186 sa Settembru 2014. Dawn irawmu kooperazzjoni mill-qrib bejn id-diversi atturi lokali, inklużi s-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, l-iskejjel u s-servizzi soċjali. Proġetti mudell oħrajn huma ppjanati bil-finanzjament tal-FSE mill-2015 'il quddiem, ukoll bit-tisħiħ tal-assistenza soċjopedagoġika u ta' opportunitajiet ta' xogħol għal żgħażagħ żvantaġġati.

**Xi Stati Membri ddedikaw sforzi sabiex jappoġġjaw il-ħolqien tax-xogħol u jagħtu spinta lill-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ.** Il-Kroazja nediet 11-il miżura ġdida ta' politika attiva fis-suq tax-xogħol fil-pakkett "Żgħażagħ u Kreattivi", li issa jinkludi sussidji għall-impjiegi u għal dawk li jaħdmu għal rashom, sussidji għal taħriġ u speċjalizzazzjoni, traineeships għax-xogħol, servizz fil-komunità u ż-żamma tal-impjiegi. Is-Servizz tal-Impjiegi tas-Slovenja nieda l-programm Provi tax-Xogħol fl-2015, maħsub biex jippermetti persuni qiegħda tal-età sa 29 sena jittestjaw l-għarfien, il-ħiliet u d-drawwiet tagħhom f'post tax-xogħol speċifiku.

**Ir-riabilitazzjoni vokazzjonali hija ċentrali għall-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilitajiet fis-suq tax-xogħol.** Il-Finlandja għamlet tibdil li jippermettu aċċess kmieni għar-riabilitazzjoni vokazzjonali sabiex jiġi evitat l-irtirar b'pensjoni tad-diżabilità. Minn Ottubru 2015, persuna li tkun qed tirriabilita ruħha se tkun tista' tirċievi allowance parzjali tar-riabilitazzjoni mill-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali għal dawk il-jiem ta' riabilitazzjoni meta persuna taħdem biss part-time. Il-Kroazja introduċiet emendi għall-Att dwar ir-Riabilitazzjoni Vokazzjonali u l-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilitajiet f'Diċembru 2014 sabiex ittejjeb ir-riabilitazzjoni professjonali u l-impjiegi tagħhom u l-Att jipprevedi wkoll it-twaqqif ta' ċentri reġjonali għar-riabilitazzjoni vokazzjonali.

**F'ħafna Stati Membri u għal gruppi partikolari hemm riskju konsiderevoli li l-qgħad fit-tul jistabbilixxi ruħu u jwassal għal qgħad strutturali ogħla.** Għadd ta' Stati Membi nedew miżuri attivi ġodda mmirati għad-diżokkupazzjoni fit-tul. Fl-2015 il-Portugall nieda skema li tappoġġja traineeships ta' sitt xhur għal persuni qiegħda fit-tul li għandhom iktar minn 30 sena. Fi Spanja, programm ta' attivazzjoni nazzjonali li nbeda fi tmiem l-2014 qed jipprovdi għajnuna finanzjarja lil persuni qiegħda fit-tul li mhumiex koperti b'xi benefiċċji, waqt li jsaħħaħ ir-rekwiżiti għat-tfittix ta' impjieg u għall-aċċettazzjoni tax-xogħol u jassenja persuna li timmaniġġja kull każ individwali għall-400 000 benefiċjarju previsti.

Fl-2015 il-Finlandja bdiet timplimenta riforma biex tgħin persuni qiegħda fit-tul, billi tipprovdi punt uniku ta' kuntatt biex ikunu kkoordinati aħjar is-servizzi tal-impjiegi, il-benefiċċji u s-servizzi soċjali għal persuni qiegħda fit-tul fil-livell muniċipali. Fi Franza, il-pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra l-qgħad fit-tul adottat fl-2015 jgħaqqad flimkien l-appoġġ imsaħħaħ ta' konsulenza intensiva u personalizzata msaħħa, immirata li tilħaq 460 000 benefiċjarju fl-2017, offerta ikbar ta' kuntratti ssussidjati u taħriġ vokazzjonali u skema ġdida ta' taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol għal ħaddiema ikbar fl-età jew għal dawk bi kwalifiki baxxi, kif ukoll aċċess aħjar għall-indukrar tat-tfal u għall-akkomodazzjoni.

L-irkupru ekonomiku u flussi inqas ta' persuni qiegħda fit-tul, flimkien ma' sitwazzjoni baġitarja li qed titjieb joħolqu opportunitajiet għal interventi addizzjonali. Madankollu, il-qgħad fit-tul huwa indirizzat b'riformi attwali f'inqas minn nofs l-Istati Membri. Proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni ta' persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol qed tiġi diskussa mill-Istati Membri.

### 2.3 Titjib fil-funzjonament tas-swieq tax-xogħol

**Issoktat l-azzjoni tal-Istati Membri sabiex tiġi mmodernizzata l-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-impjiegi partikolarment f'pajjiżi bi żbilanċi kbar u bi swieq tax-xogħol segmentati. Madankollu d-direzzjoni tar-riformi f'xi każijiet biss timmira biex tnaqqas id-distakk bejn insiders u outsiders fis-suq tax-xogħol.** Fl-Italja, ġiet adottata liġi abilitanti b'firxa wiesgħa (l-hekk imsejjaħ *Jobs Act*) lejn l-aħħar tal-2014 (bid-digrieti ta' implimentazzjoni finali adottati f'Settembru 2015), li tinvolvi fost l-oħrajn is-simplifikazzjoni ta' kuntratti u ta' proċeduri tal-liġi tax-xogħol u l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għall-ingaġġ mill-ġdid wara sensji inġusti. L-Att dwar ix-Xogħol u s-Sigurtà approvat fin-

Netherlands fl-2014 jintroduċi limitu massimu fuq ħlasijiet għal terminazzjonijiet jew danni għal sensja inġusta, waqt li jżid il-protezzjoni għall-ħaddiema temporanji. Fil-Kroazja ġiet adottata riforma wiesgħa tal-kodiċi tax-xogħol, li twassal għal spejjeż iktar baxxi, proċeduri simplifikati għal sensji individwali u kollettivi, aċċess eħfef għal xogħol temporanju u organizzazzjoni iktar flessibbli tal-ħin tax-xogħol. Il-proċeduri dwar is-sensji kollettivi ġew simplifikati wkoll fil-Latvja. Fil-Bulgarija l-Kodiċi tax-Xogħol ġie emendat sabiex tiżdied il-flessibbiltà tal-ħin tax-xogħol u biex tiġi rregolata l-possibbiltà li jiġu ffirmati kuntratti tax-xogħol ta' kuljum għal xogħol agrikolu staġjonali fuq terminu qasir.

Minkejja l-grad għoli ta' segmentazzjoni, għadd ta' pajjiżi ffaċilitaw l-aċċess għal kuntratti b'terminu fiss (ir-Repubblika Ċeka) jew żidulhom id-durata jew il-possibbiltajiet tat-tiġdid tagħhom (il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja u temporanjament anke fil-Portugall). F'minoranza ta' pajjiżi ssaħħu r-regolamenti dwar kuntratti b'terminu fiss (il-Polonja), u b'mod aktar speċifiku dwar l-użu ta' xogħol temporanju (is-Slovenja, Franza, id-Danimarka u s-Slovakkja). Fir-Renju Unit iddaħħlet tariffa għat-tribunali industrijali, sabiex jiġi ristrett l-għadd ta' każijiet li jitressqu l-qorti.

**B'konformità mal-azzjoni meħuda fis-snin preċedenti, it-titjib fl-effikaċja tas-servizz pubbliku tal-impjiegi ssokta f'għadd konsiderevoli ta' Stati Membri.** Id-Danimarka u l-Latvja tejbu t-tfassil tal-profili ta' persuni li qed ifittxu impjieg u l-immirar tal-għajnuna u tas-servizzi għat-tfittix ta' impjieg, filwaqt li l-Polonja u s-Serbja ffokaw aktar fuq is-servizzi għal gruppi vulnerabbli. L-Iżvezja u l-Litwanja tejbu l-immaniġġjar ta' każijiet li jinvolvu żgħażagħ u persuni li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien. Ġiet deċiża kooperazzjoni mtejba bejn l-atturi differenti, f'xi każijiet marbutin mal-allokazzjoni kondizzjonali ta' fondi bejn l-uffiċċji varji, fil-Belġju, fin-Netherlands, fi Spanja u fis-Slovakkja. Minbarra r-riorganizzazzjoni tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi fl-Irlanda, ġiet ikkuntrattata kapaċità addizzjonali tas-servizz tal-impjiegi, iffokata primarjament fuq persuni qiegħda fit-tul, mingħand fornituri tas-settur privat bil-Programm JobPath.

**Ir-riforma tad-djalogu soċjali hija kontinwa f'ħafna Stati Membri. Ir-riformi jolqtu l-funzjonament u l-effikaċja tad-djalogu soċjali. Huma marbutin l-aktar ma' negozjar kollettiv imma għandhom impatt ukoll fuq ir-rappreżentanza tal-ħaddiema.** Il-Ġermanja, is-Slovakkja u l-Portugall illaxkaw il-kriterji għall-estensjoni ta' ftehimiet kollettivi settorjali dwar il-pagi, b'hekk tal-aħħar reġġew lura parzjalment il-prattika fil-qafas tal-programm ta' assistenza finanzjarja. Il-validità mhux limitata ta' ftehimiet kollettivi skaduti tneħħiet fil-

Kroazja. Fil-Portugall, il-validità ta' ftehimiet kollettivi skaduti u mhux imġedda ġiet ridotta fl-2014 u ġiet introdotta l-possibbiltà ta' sospensjoni nnegozjata ta' ftehimiet kollettivi f'azjendi f'diffikultà. L-imsieħba soċjali Taljani ffirmaw ftehim intersettorjali li jiċċara l-kriterji għall-kejl tar-rappreżentattività tat-trade unions u li jistabbilixxi l-pass għat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni ta' negozjar kollettiv deċentralizzat. Leġiżlazzjoni ġdida dwar l-attività tat-trade unions ġiet adottata fil-Kroazja fl-2014. Fl-2015 fi Franza l-gvern daħħal riforma fid-djalogu soċjali sabiex jimmodernizza r-rappreżentanzi tal-impjegati u jirrazzjonalizza l-obbligi ta' min iħaddem li jinforma u jikkonsulta r-rappreżentanti tal-impjegati. In-negozjar kollettiv annwali għandu jiġi riorganizzat madwar assi ewlenin preskritti. Fil-Ġermanja fl-2015 ġie adottat il-*Tarifeinheitsgesetz*, att li jiżgura li jekk ikun hemm ftehimiet kollettivi li jikkoinċidu u li huma kunfliġġenti f'kumpanija, għandu japplika biss il-ftehim li jkun ġie ffirmat mat-trade union bl-ikbar numru ta' membri (f'dik il-kumpanija). Fir-Renju Unit, it-*Trade Union Bill* il-ġdida tal-2015 ressaq riformi għat-trade unions u għall-azzjoni industrijali.

**L-involviment tal-imsieħba soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki u riformi jeħtieġ iktar monitoraġġ.** Fil-maġġoranza tal-Istati Membri hemm xi forma ta' involviment mill-imsieħba soċjali fit-tħejjija tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma. Il-kwalità u l-profondità ta' dan l-involviment u l-limitu safejn l-imsieħba soċjali huma f'qagħda li jinfluwenzaw il-kontenut tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma ivarjaw b'mod sinifikanti. Għadd inqas ta' Stati Membri jinvolvu l-imsieħba soċjali b'mod effettiv fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jew ta' riformi u politiki relatati.

### 2.4 L-iżgurar tal-korrettezza, il-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs

**L-isforzi sabiex il-faqar jiġi kkontrollat jew imnaqqas u sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol kienu jinkludu tiġdid sostanzjali tas-sistemi tal-benefiċċji soċjali, appoġġ lil politiki attivi fis-suq tax-xogħol, u miżuri mmirati għal dawk li jinsabu f'riskju ikbar ta' faqar.** Xi Stati Membri żiedu l-ammont ta' appoġġ għall-introjtu (il-Belġju, l-Estonja, il-Kroazja, l-Iżvezja, ir-Rumanija), waqt li oħrajn tejbu t-tifsila tal-miżuri billi introduċew tnaqqis gradwali tal-benefiċċji (Malta, il-Latvja) jew benefiċċji għal min jaħdem (l-Estonja). Għadd ta' Stati Membri qed jintroduċu jew isaħħu miżuri ta' attivazzjoni bħala parti mill-politika tagħhom li jindirizzaw aħjar il-faqar fost dawk li għandhom l-età tax-xogħol (l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, id-Danimarka, in-Netherlands). Inċentivi varji

finanzjarji u mhux finanzjarji ukoll qegħdin jiġu introdotti sabiex jiġi ffaċilitat ir-ritorn lejn is-suq tax-xogħol (il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Latvja, Malta, il-Polonja). Riformi tas-sistemi tal-assistenza soċjali u tal-qgħad huma ppjanati jew diġà għaddejjin f'għadd ta' pajjiżi (il-Belġju, il-Kroazja, il-Greċja, l-Irlanda, ir-Rumanija, l-Iżvezja).

Il-Belġju ssokta bir-riforma tas-sistema ta' benefiċċju tal-qgħad sabiex jiżgura bilanċ xieraq bejn il-benefiċċji u l-għajnuna effettiva għat-tfittix ta' impjieg u l-opportunitajiet ta' taħriġ. Bħala parti mir-riforma tagħha tas-sistema ta' protezzjoni soċjali, ir-Rumanija se tintroduċi introjtu minimu għall-inseriment fis-soċjetà, li jgħaqqad flimkien tliet programmi eżistenti mħaddma skont it-test tal-mezzi, li jimmira lill-benefiċjarji b'mod aħjar u li jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi. Il-Greċja nediet programm pilota sabiex tintroduċi skema ta' dħul minimu fil-pajjiż. L-Irlanda ssoktat bl-isforzi sabiex tnaqqas il-prevalenza ta' unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ta' xogħol permezz tal-għoti ta' servizz integrat (one-stop-shop) u permezz tal-irbit aktar mill-qrib ta' intitolamenti għal benefiċċji ma' servizzi ta' attivazzjoni.

**It-tħassib dejjem jikber dwar l-effetti ta' numri dejjem akbar ta' tfal milquta mill-faqar wassal lil ħafna mill-Istati Membri biex jagħtu spinta lill-investiment b'risq it-tfal.** Issaħħu ġew estiżi l-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu għal unitajiet domestiċi bit-tfal jew fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fil-Polonja u fir-Rumanija, waqt li l-Belġju u Malta introduċew supplimenti għall-benefiċċji tat-tfal għal tfal li jitrabbew f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx. L-għajnuna lill-ġenituri biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol u l-inċentivi għax-xogħol ġew imtejba fl-Ungerija, f'Malta u fir-Renju Unit. L-investiment fl-edukazzjoni, u b'mod speċifiku fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC), ġie sostnut f'diversi Stati Membri, u jirrifletti għarfien dejjem akbar tar-rwol fundamentali fis-snin ta' qabel l-iskola għat-tiswir tal-ħiliet konjittivi u soċjali tat-tfal. Il-Finlandja introduċiet l-edukazzjoni preskolastika obbligatorja u l-Kroazja introduċiet sena obbligatorja ta' edukazzjoni preskolastika qabel ma tinbeda l-edukazzjoni primarja. L-Awstrija pprovdiet finanzjament pubbliku addizzjonali sabiex ittejjeb l-eżiti edukattivi fl-ECEC, ir-Renju Unit introduċa 15-il siegħa ta' indukrar tat-tfal b'xejn fil-ġimgħa għat-tfal ta' tlieta jew erba' snin u miżuri mmirati lejn tfal żgħar żvantaġġati. Il-finanzjament żdied ukoll f'xi Stati Membri għall-espansjoni tal-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Polonja, ir-Renju Unit), opportunitajiet għal wara l-iskola (l-Irlanda), jew postijiet fi skejjel ta' ġurnata sħiħa (l-Awstrija). Il-Bulgarija kompliet ittejjeb il-kwalità tal-kura alternattiva u tal-appoġġ għal tfal li ma jitrabbewx fil-familja tagħhom. Il-Finlandja adottat ukoll diversi miżuri sabiex tissaħħaħ il-protetzzjoni tat-tfal f'dawn is-sitwazzjonijiet.

**Ir-riformi riċenti fil-pensjonijiet għenu sabiex tiġi kkontrollata ż-żieda fuq żmien twil fin-nefqa fuq il-pensjonijiet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[32]. L-impatt tagħhom fuq l-adegwatezza tal-pensjonijiet jibqa' jiddependi fuq l-abilità tan-nisa u l-irġiel li jħaddnu karrieri itwal u iktar sodisfaċenti**[33], li mhuwiex uniformi fost il-gruppi professjonali u s-sessi. Il-biċċa l-kbira ta' riformi tal-Istati Membri ffukaw fuq iż-żieda fl-età tal-pensjoni u fuq ir-restrizzjoni tal-irtirar bikri jekk ir-riformi ma jkunux dejjem appoġġjati minn politiki għal xjuħija attiva. Xi Stati Membri żammew jew introduċew mill-ġdid il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-irtirar bikri għal persuni b'karrieri twal f'xogħol jew impjieg iebes. Ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-irtirar bikri qed tkun ta' sfida għall-gvernijiet u/jew għall-imsieħba soċjali biex isibu soluzzjonijiet alternattivi għall-problemi late-career tal-amministrazzjoni tal-età u tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol u fis-suq tax-xogħol.

Fil-preżent, id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi fl-UE għadha ta' 40%, u tirrifletti d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u l-karrieri medji, iqsar u iktar interrotti, tan-nisa. Iċ-ċaqliqa ġenerali lejn pensjonijiet iktar marbuta mal-qligħ tfisser li s-sistemi tal-pensjoni mhumiex se jkunu maħsubin biex jikkumpensaw għal dawn l-iżbilanċi. Bħala parti mill-isforzi sabiex in-nisa jkunu jistgħu jiksbu ħajja tax-xogħol itwal, kważi l-Istati Membri kollha (minbarra r-Rumanija) ġabu ndaqs l-etajiet tal-pensjoni tan-nisa u tal-irġiel u adottaw riformi futuri għal dan il-għan, għalkemm f'xi każijiet biex dawn ikunu kompluti għalkollox jafu jdumu anke sal-2040ijiet.

Għadd kbir ta' riformi bidlu wkoll l-indiċjar tal-benefiċċji tal-pensjoni favur mekkaniżmi ta' rivalutazzjoni inqas ġenerużi. L-impatt fuq l-adegwatezza se jiddependi fuq l-iżviluppi fil-pagi u l-prezzijiet.

**Is-sistemi tas-saħħa jikkontribwixxu għall-preservazzjoni u r-restawr tas-saħħa tajba tal-popolazzjoni tal-UE. Barra minn hekk għal benesseri individwali u kollettiv, dan jappoġġja prosperità ekonomika** billi jtejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-produttività tax-xogħol u t-tnaqqis tal-assenza mix-xogħol. Ovvjament, sistemi tas-saħħa jqumu spiża: sehem kbir tan-nefqa fuq is-sistemi tas-saħħa fl-UE jitħallas minn fondi pubbliċi, u għalhekk iridu jibqgħu fiskalment sostenibbli.

---

[32] The 2015 Ageing Report, http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/2015/pdf/ee3_en.pdf
[33] The 2015 Pension Adequacy Report, http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=14529&langId=en

**Hemm il-ħtieġa li tiġi vvalutata l-prestazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul u li jiġu mplimentati riformi sodi u ambizzjużi.** Dawn jinkludu li tiġi żgurata bażi ta' finanzjament sostenibbli, li jiġu inkoraġġiti l-provvista u l-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa primarja, u b'hekk jonqos l-użu mhux neċessarju ta' kura speċjalista u fl-isptar, li jiġi żgurat l-użu kosteffettiv tal-mediċini, l-akkwist pubbliku aħjar, l-integrazzjoni aħjar tal-kura permezz ta' kanali ta' informazzjoni aġġornati (bħas-saħħa elettronika), li jiġu adottati metodoloġiji li jivvalutaw l-effikaċja relattiva tat-teknoloġiji tas-saħħa u l-ispejjeż tal-kura għal skopijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll it-titjib tal-promozzjoni tas-saħħa u tal-prevenzjoni tal-mard.

**Riformi importanti fil-kura tas-saħħa kienu implimentati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** Ir-riformi strutturali numerużi implimentati jinkludu r-ristrutturar tal-kura primarja u sekondarja, il-koordinazzjoni ikbar tal-kura, l-użu iktar intensiv u interoperabbli tal-ICT u ta' soluzzjonijiet tas-Saħħa-e (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u r-Renju Unit), bidla fil-politiki farmaċewtiċi favur ir-regolazzjoni tal-prezz u s-sostituzzjoni ġenerika, kif ukoll l-introduzzjoni ta' inċentivi finanzjarji u mhux finanzjarji kemm għall-fornituri kif ukoll għall-utenti tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Sabiex itejbu l-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, diversi Stati Membri (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja, u r-Renju Unit) introduċew politiki bil-għan li jottimizzaw l-użu ta' trattamenti u l-modalitajiet tal-preskrizzjonijiet.

It-tixjiħ tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa flimkien mal-isfidi tar-reklutaġġ u taż-żamma tal-ħaddiema tas-saħħa minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol eżiġenti u pagi relattivament baxxi f'xi okkupazzjonijiet tal-kura tas-saħħa, qed iwasslu għal nuqqas ta' ħaddiema tas-saħħa f'ħafna pajjiżi. Biex jagħmlu tajjeb għal dan, xi Stati Membri (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Polonja u l-Iżvezja) adottaw miżuri li jiffaċilitaw it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u li joffru żidiet fil-pagi u apoġġ sabiex iżidu l-attrazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa.

**Diversi Stati Membri jinsabu fil-proċess li jadottaw jew jimplimentaw riformi kbar fil-qasam tal-kura fit-tul bil-għan li jiżguraw użu aktar effiċjenti tar-riżorsi eżistenti.** Il-miżuri ta' riforma jiffokaw fuq l-iżvilupp imsaħħaħ tas-servizzi tal-kura fid-dar u fuq it-tisħiħ tal-integrazzjoni tal-kura.

L-arranġamenti ta' finanzjament għall-kura fit-tul ġew immodifikati f'numru ta' Stati Membri (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Ġermanja, il-Lussemburgu). Waqt li wħud iddeċidew li jżidu l-finanzjament pubbliku u li jnaqqsu l-qsim tal-ispiża mal-privat, oħrajn baxxew il-livelli limiti eżistenti tal-eliġibbiltà għall-għajnuna pubblika jew introduċew miżuri oħra għat-trażżin tal-ispejjeż.

Għadd limitat ta' Stati Membri irrapportaw miżuri għall-prevenzjoni tad-dipendenza li kienu marbutin l-iktar ma' prevenzjoni aħjar u ma' dijanjożi bikrija tad-demenzja (l-Awstrija, il-Bulgarija, l-Irlanda). Il-gvernijiet nazzjonali enfasizzaw aktar it-titjib fil-forniment tas-servizz billi ċċentraw il-kura aktar fuq il-pazjent, billi ppromwovew it-trasferiment minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità, billi żviluppaw u assiguraw standards ġodda ta' kwalità u billi żiedu l-livelli tal-persunal.

Xi Stati Membri (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Finlandja) tejbu l-għajnuna mogħtija lil carers informali permezz ta' strateġiji ġodda, permezz ta' opportunitajiet aħjar għat-tlaqqigħ tax-xogħol mar-responsabbiltajiet tal-kura u permezz tal-għarfien legali ta' carers informali.

